IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
SWD(2021) 727 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt**
**Il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt**
**Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2021) 700 final} - {SWD(2021) 701 final} - {SWD(2021) 702 final} - {SWD(2021) 703 final} - {SWD(2021) 704 final} - {SWD(2021) 705 final} - {SWD(2021) 706 final} - {SWD(2021) 707 final} - {SWD(2021) 708 final} - {SWD(2021) 709 final} - {SWD(2021) 710 final} - {SWD(2021) 711 final} - {SWD(2021) 712 final} - {SWD(2021) 713 final} - {SWD(2021) 714 final} - {SWD(2021) 715 final} - {SWD(2021) 716 final} - {SWD(2021) 717 final} - {SWD(2021) 718 final} - {SWD(2021) 719 final} - {SWD(2021) 720 final} - {SWD(2021) 721 final} - {SWD(2021) 722 final} - {SWD(2021) 723 final} - {SWD(2021) 724 final} - {SWD(2021) 725 final} - {SWD(2021) 726 final}

**ASTRATT**

Issoktaw sforzi importanti biex tittejjeb l-indipendenza, l-integrità, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja Slovakka, li diġà kienet ittieħdet nota tagħhom fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt. F'Diċembru 2020, il-Parlament adotta riforma estensiva tal-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rigward is-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-Qorti Kostituzzjonali u l-Kunsill Ġudizzjarju. L-awtoritajiet żiedu wkoll l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-korruzzjoni fil-ġudikatura. Qed titħejja riforma tal-mappa ġudizzjarja, bl-involviment tal-Kunsill tal-Ewropa, li ġġenerat għadd ta' kummenti mill-partijiet ikkonċernati. Ġiet stabbilita Qorti Amministrattiva Suprema. Ġew eletti Prosekutur Ġenerali ġdid u Prosekutur Speċjali permezz ta' proċedura trasparenti ġdida. Dawn ir-riformi jirriflettu l-isforzi biex tittejjeb is-sistema tal-ġustizzja u huwa importanti li l-implimentazzjoni tagħhom tqis l-istandards Ewropej rilevanti għas-salvagwardja tal-indipendenza ġudizzjarja. Dan huwa importanti wkoll meta wieħed iqis il-livell perċepit tal-indipendenza tal-ġudikatura, għad li tjieb fost il-kumpaniji, għadu ferm baxx fost il-pubbliku ġenerali.

L-isforzi tas-Slovakkja biex trażżan il-korruzzjoni żdiedu b'mod sinifikanti u taw il-frott tagħhom b'għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għolja li bdew jiġu investigati u mressqa l-qorti. Ġew magħżula u maħtura uffiċjali ewlenin, inkluż il-Kap tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Protezzjoni tal-Informaturi, li se jibda jopera mill-1 ta' Settembru 2021. Il-kapaċità li jiġu individwati u investigati reati ta' korruzzjoni għadha tista' tissaħħaħ permezz ta' investimenti fl-ispeċjalizzazzjoni, għarfien espert analitiku apposta u taħriġ dwar l-integrità għall-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità. Qed isir progress bil-mod fil-prevenzjoni kontra l-korruzzjoni. Sa issa diversi tentattivi biex il-lobbjar jiġi rregolat ma rnexxewx. Madankollu, huma ppjanati jew jinsabu fl-istadju inizjali abbozzi ta' leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar, dikjarazzjonijiet tal-assi "revolving doors", kunflitti tal-interess tal-membri tal-Parlament u l-akkwist pubbliku.

Il-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni sekondarja tas-Slovakkja jipprovdu qafas legali għall-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni, għad-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika, għall-pluraliżmu tal-media u għad-drittijiet tal-istampa. Abbozz ta' liġi li qed jiġi diskuss u skedat għall-adozzjoni f'Settembru 2021 huwa mistenni li jdaħħal qafas biex tiġi aċċertata t-trasparenza tas-sjieda tal-media. Il-pjanijiet tal-gvern li jipproponi leġiżlazzjoni maħsuba biex jiġi ggarantit ambjent aktar favorevoli għall-ġurnalisti ġew posposti. Id-distribuzzjoni tar-reklamar tal-istat għadha mhijiex irregolata. Ingħataw għadd ta' kundanni fir-rigward tal-individwi involuti fil-qtil tal-ġurnalist investigattiv Ján Kuciak u tal-għarusa tiegħu fl-2018. Il-liberazzjoni tal-persuni li allegatament orkestraw il-qtil ġiet annullata mill-Qorti Suprema, li għaddiet il-kawża lura lill-Qorti Kriminali Speċjalizzata. Ġiet ikkonfermata kundanna waħda. Ma ddaħħlet l-ebda skema ta' sostenn għall-media tal-aħbarijiet biex tagħmel tajjeb għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19.

Rigward is-sistema ta' kontrokontrolli, għad hemm il-ħtieġa li jittejjeb il-proċess leġiżlattiv billi jissaħħaħ l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tas-soċjetà ċivili, kif diġà kien ġie nnutat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt. Ir-riforma Kostituzzjonali ta' Diċembru 2020 teskludi b'mod espliċitu l-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali li teżamina l-liġijiet Kostituzzjonali, li skattat l-istħarriġ ta' din id-dispożizzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali. L-istat ta' emerġenza b'rabta mal-pandemija tal-COVID-19 baqa' fis-seħħ għall-biċċa l-kbira tal-

2020 u ntemm f'Mejju 2021, wara bidla fil-leġiżlazzjoni f'Diċembru 2020 biex jiġi permess l-estensjoni tiegħu. Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet u ċ-Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem kellhom rwol attiv biex jiddefendu d-drittijiet fundamentali matul il-pandemija. Hemm tħassib li qed jikber dwar il-finanzjament ta' ċerti NGOs, b'mod partikolari limitazzjonijiet għall-NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

## I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema tal-qorti tar-Repubblika Slovakka tikkonsisti f'54 Qorti Distrettwali, tmien Qrati Reġjonali, il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, il-Qorti Suprema, il-Qorti Amministrattiva Suprema u l-Qorti Kostituzzjonali Slovakka[1]. Il-Qrati Reġjonali jiffunzjonaw bħala l-qrati tal-appell f'kawżi ċivili, kummerċjali u kriminali u fl-istess ħin jiffunzjonaw bħala l-qrati tal-prim'istanza f'materji amministrattivi. Il-Qorti Kriminali Speċjalizzata hija kompetenti biex tiġġudika materji kriminali serji kif enumerati fid-dispożizzjoni rilevanti tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali[2]. Il-Kunsill Ġudizzjarju għandu rwol ċentrali fl-awtoamministrazzjoni tal-ġudikatura u fil-ħatra, is-sospensjoni u t-tkeċċija tal-imħallfin, kif ukoll fiż-żamma tal-etika ġudizzjarja. Nofs il-membri tiegħu (disgħa minn 18) huma mħallfin eletti mill-pari tagħhom. Membri oħra tal-Kunsill Ġudizzjarju jinħatru mill-President Slovakk, mill-Parlament u mill-Gvern[3]. Is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika tas-Slovakkja huwa awtorità indipendenti tal-Istat, immexxi mill-Prosekutur Ġenerali[4]. Is-Slovakkja tipparteċipa fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew. Il-Kamra tal-Avukati Slovakka hija organizzazzjoni professjonali indipendenti awtoamministrattiva[5].

### Indipendenza

**Il-livell perċepit tal-indipendenza tal-ġudikatura tjieb fost il-kumpaniji iżda għadu baxx, u baxx ħafna fost il-pubbliku ġenerali.** Daqs 30 % tal-kumpaniji jipperċepixxu l-livell tal-indipendenza ġudizzjarja bħala "pjuttost tajba jew tajba ħafna", li huwa titjib kunsiderevoli meta mqabbel mal-2020 (15 %)[6]. Min-naħa l-oħra, ma kien hemm l-ebda titjib simili fil-perċezzjonijiet tal-indipendenza tal-qrati u l-imħallfin fost il-pubbliku ġenerali, bi 28 % jipperċepixxu l-indipendenza ġudizzjarja bħala "pjuttost tajba jew tajba ħafna" u 65 % bħala "pjuttost ħażina jew ħażina ħafna"[7], f'konformità max-xejra fit-tul, kif innutat diġà fir-

---

1 Għal deskrizzjoni tal-istruttura ġudizzjarja, ara pereżempju l-istudju Annwali għall-Kummissjoni Ewropea mwettaq mill-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ - Council of Europe Commission for the Efficiency of Justice).

2 Ara l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali tas-Slovakkja, il-paragrafu 14 (pereż. il-qtil premeditat, il-korruzzjoni, it-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, reati ekonomiċi serji, li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE, eċċ.).

3 L-Artikolu 141a tal-Kostituzzjoni Slovakka.

4 L-Artikoli 149-151 tal-Kostituzzjoni Slovakka; L-Att Nru 153/2001 Ġabra dwar is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika.

5 L-Att Parlamentari Nru 586/2003 Ġabra dwar il-Professjoni Legali u dwar l-Att Emendatorju Nru 455/1991 Ġabra dwar is-Servizzi tan-Negozju u tal-Impjieg Indipendenti (l-Att dwar il-Liċenzji tan-Negozju) tal-4 ta' Diċembru 2003.

6 Il-Figura 50 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021. Il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa kategorizzat kif ġej: baxx ħafna (inqas minn 30 % ta' dawk li wieġbu jqisu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxxa (bejn 30-39 %), medja (bejn 40-59 %), għolja (bejn 60-75 %), għolja ħafna (aktar minn 75 %).

7 Il-Figura 49 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt[8]. Ir-raġunijiet li spiss jingħataw għan-nuqqas perċepit ta' indipendenza huma relatati, kważi fuq l-istess livell, mal-interferenza jew il-pressjoni mill-Gvern u l-politiċi u l-interferenza jew il-pressjoni minn interessi ekonomiċi jew interessi speċifiċi oħra[9].

**L-awtoritajiet ħadu passi biex jindirizza allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u abbuż tal-uffiċċju fil-ġudikatura.** B'segwitu għal operazzjonijiet bi profil għoli tal-pulizija msemmija fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt[10], ingħata bidu għal aktar operazzjonijiet. Bħalissa, 20 imħallef[11] u rappreżentanti oħra tal-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi[12] huma soġġetti għal proċedimenti kriminali marbuta ma' allegazzjonijiet serji ta' korruzzjoni u abbuż tal-uffiċċju, fi sforz akbar mill-awtoritajiet pubbliċi biex titnaqqas il-korruzzjoni fis-sistema tal-ġustizzja. Ġie kkundannat imħallef. Minħabba l-prosekuzzjoni kriminali, diversi mħallfin irriżenjaw mill-kariga tagħhom jew ġew sospiżi temporanjament mill-qadi ta' dmirijiethom[13]. Il-ħtieġa li jibqa' jiġi indirizzat tħassib speċifiku rigward l-integrità kumplessiva tas-sistema tal-ġustizzja tqajmet ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u dwar dan is-Slovakkja rċeviet rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż[14].

**Ġiet adottata riforma komprensiva tas-sistema ġudizzjarja, li tikkonsisti minn emendi tal-Kostituzzjoni u leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni.** Dan sar wara li l-Gvern ħabbar li se jmexxi 'l quddiem riforma bl-għan li tiżdied il-fiduċja tal-pubblika fl-istat tad-dritt[15], kif spjegat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt[16]. F'Diċembru 2020, ġew adottati l-emenda tal-Kostituzzjoni u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, li b'mod partikolari stabbilew Qorti Amministrattiva Suprema, daħħlu bidliet[17] fl-għażla u l-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali u emendaw diversi dispożizzjonijiet rigward il-Kunsill Ġudizzjarju. Il-partijiet ikkonċernati nnutaw li r-riforma kienet rifless tal-isforzi biex tittejjeb is-sistema tal-ġustizzja u tissaħħaħ l-indipendenza tagħha[18], għad li xi partijiet tar-riforma sabu oppożizzjoni (ara hawn taħt).

**Filwaqt li xi fatturi tar-riforma rigward il-Kunsill Ġudizzjarju ntlaqgħu b'sodisfazzjon, tqajjem xi tħassib rigward ir-reġim għat-tkeċċija tal-membri tiegħu.** Ir-riforma Kostituzzjonali daħħlet bidlet fil-metodi ta' ħatra tal-membri tal-Kunsill Ġudizzjarju, estendiet is-setgħat tal-Kunsill u emendat id-dispożizzjoni rigward it-tkeċċija tal-membri

---

8 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, pp. 2-3.

9 Il-Figuri 49 u 51 tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

10 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 2

11 Is-sitwazzjoni f'Mejju 2021. Informazzjoni provduta mill-Kunsill Ġudizzjarju tas-Slovakkja.

12 Prosekuturi, uffiċjali tal-pulizija u avukati, inklużi uffiċjali f'karigi għolja bħall-eks president tal-pulizija, il-Prosekutur Ġenerali, il-Prosekutur Speċjali jew eks segretarja tal-Istat fil-Ministeru għall-Ġustizzja.

13 Informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet SK.

14 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovakkja tal-2020 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja tal-2020, COM(2020) 525 final.

15 Id-Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2020-2024 tad-19 ta' April 2020, p. 8.

16 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 3.

17 Kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3; Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

18 Kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3; Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

tiegħu[19]. Ir-riforma daħħlet regola li skontha l-imħallfin-membri tal-Kunsill jiġu eletti f'diversi distretti elettorali[20]. Skont il-Gvern, l-għan tal-bidla huwa li tiżdied il-leġittimità tal-Kunsill billi tiġi żgurata rappreżentanza tal-imħallfin aktar diversifikata. L-objettiv huwa konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa[21]. Ir-riforma testendi wkoll is-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju[22]. Barra minn hekk, ir-riforma tipprevedi b'mod espliċitu li l-membru tal-Kunsill Ġudizzjarju, inkluż il-Presidenti u l-Viċi President tiegħu, jistgħu jitkeċċew fi kwalunkwe mument mill-awtorità li tkun ħatrithom[23]. Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni[24], dan jimplika li tali proposta għat-tkeċċija ma għandhiex għalfejn tkun ibbażata fuq xi kriterji preskritti mill-liġi[25] u minflok, tista' tkun immotivata minn nuqqas ta' fiduċja[26]. Il-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib li dan l-aspett tar-riforma jaf ikollu impatt negattiv fuq l-indipendenza tal-Kunsill Ġudizzjarju[27]. Dan it-tħassib ġie rifless ukoll f'opinjoni tal-Bureau tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (CCJE) tad-9 ta' Diċembru 2020[28]. Membru li jitkeċċa jista' jikkontesta d-deċiżjoni tat-tkeċċija quddiem il-Qorti Kostituzzjonali billi jippreżenta lment kostituzzjonali[29]. Huwa importanti li l-Kunsill Ġudizzjarju jkun soġġett għal biżżejjed garanziji fir-rigward tal-indipendenza tiegħu b'rabta mal-leġiżlatura u l-eżekuttiv inkluż fir-rigward tal-mod kif il-Membri tiegħu jistgħu jitkeċċew[30].

---

19 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 4.

20 Il-Kunsill huwa magħmul minn 18-il Membru, li nofshom huma mħallfin eletti mill-pari tagħhom. Il-Gvern, il-Parlament u l-President tar-Repubblika jagħżlu tliet membri kull wieħed ukoll. Kompożizzjoni bħal din hija konsistenti mar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafi 26-27.

21 Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 27.

22 B'mod partikolari, l-Emenda tikkonferixxi lill-Kunsill Ġudizzjarju s-setgħa li jivvaluta d-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-imħallfin.

23 Għal aktar informazzjoni dwar il-ħatra, ara n-nota 20 f'qiegħ il-paġna. Skont il-Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Att Kostituzzjonali Nru 422/20, p. 20, din il-possibbiltà kienet diġà teżisti fil-Kostituzzjoni u l-Emenda tikkonferma speċifikament l-eżistenza tagħha. Madankollu, il-Qorti Kostituzzjonali, fl-opinjoni unifikata tagħha tad-19 ta' Settembru 2018 PLz. ÚS 2/2018 iddeċidiet bil-maqlub.

24 Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Att Kostituzzjonali Nru 422/20, p. 24.

25 Kif spjegat mir-rappreżentanti tal-gvern Slovakk, f'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Kostituzzjonali, it-tkeċċija ma tridx tkun diskriminatorja jew arbitrarja; Informazzjoni li waslet fil-kuntest ta' żjara ta' segwitu għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

26 Informazzjoni li waslet fil-kuntest ta' żjara ta' segwitu għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

27 Sejħa miftuħa għal avukati Slovakki, aċċessibbli minn https://pravnystat.eu/en/ u ppreżentata bħala kontribut għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt. Id-dispożizzjoni ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn għadha pendenti, il-fajl Nru 414/2021.

28 Skont l-Opinjoni tal-Bureau tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (CCJE) tad-9 ta' Diċembru 2020, CCJE-BU(2020)3, b'segwitu għal talba minn membru tas-CCJE fir-rigward tas-Slovakkja dwar ir-riforma tal-ġudikatura fis-Slovakkja, pp. 2-3, il-Membri tal-Kunsill Ġudizzjarju għandhom igawdu minn garanziji ta' indipendenza u protezzjoni minn pressjoni esterna, inkluż b'mod partikolari, billi jinħatru għal mandat bi żmien definit. Ara wkoll l-Opinjoni Nru10 (2007) tas-CCJE, 36; l-Opinjoni dwar l-Abbozz ta' Emendi tal-Liġi Organika dwar il-Qrati tal-Ġuriżdizzjoni Ġenerali tal-Georgia CDL-AD(2013)007-e, il-paragrafu 71 "*Il-Kummissjoni ta' Venezja hija tal-fehma li meta juża s-setgħa leġiżlattiva tiegħu biex ifassal it-tħaddim u l-organizzazzjoni tal-futur tal-ġudikatura, il-Parlament għandu joqgħod lura milli jadotta miżuri li jpoġġu f'riskju l-kontinwità tas-sħubija tal-Kunsill Ġudizzjarju Għoli*". Il-Qorti Kostituzzjonali tas-Slovakkja waslet għal konklużjonijiet simili fis-sentenza tad-19 ta' Settembru 2018 PLz. ÚS 2/2018, il-punt 12.

29 Mhuwiex ċar sa liema punt il-Qorti Kostituzzjonali tista' tivvaluta d-deċiżjoni tat-tkeċċija mill-perspettiva tal-indipendenza ġudizzjarja. Informazzjoni li waslet fil-kuntest ta' żjara ta' segwitu għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

30 Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, fir-rigward tal-proċess għall-ħatra tal-membri tal-ġudikatura, biex Kunsill tal-Ġudikatura jikkontribwixxi biex jagħmel dak il-proċess aktar oġġettiv, huwa meħtieġ li tali korp ikun hu

**Ġiet introdotta età tal-irtirar għall-imħallfin biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza[31].** B'segwitu għall-emendi tal-Kostituzzjoni, l-imħallfin jirtiraw malli jagħlqu 67 sena[32]. Billi r-riforma eliminat is-setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill Ġudizzjarju li jipproponi l-irtirar ta' mħallef li jkollu aktar minn 65 sena, l-emenda ttejjeb iċ-ċertezza tad-dritt u l-istabbiltà għall-imħallfin.

**Ir-reġim tar-responsabbiltà kriminali tal-imħallfin ġie emendat.** F'Ottubru 2020, ġiet adottata emenda tal-Kodiċi Kriminali[33], segwita minn emenda tad-Dispożizzjoni kostituzzjonali dwar l-immunità tal-imħallfin. Skont ir-riformi, l-imħallfin[34] ma jistgħux jinżammu responsabbli għal opinjoni espressa matul it-teħid deċiżjonali tagħhom, dment li t-teħid deċiżjonali ta' mħallef ma jiġix ikkwalifikat bħala reat[35]. F'dak ir-rigward, ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali reat ġdid ta' "abbuż tal-liġi"[36]. Skont din id-dispożizzjoni, l-imħallfin[37] jistgħu jitressqu l-qorti għal deċiżjoni arbitrarja li tikkawża ħsara jew tagħmel favur lil persuna oħra[38]. Id-dispożizzjoni hija prevista li tintuża biss f'każijiet ta' deċiżjonijiet manifestament arbitrarji u skorretti[39]. Il-proċedimenti kriminali huma mmexxija mill-Prosekutur Speċjali u minn Qorti Kriminali Speċjalizzata. Imħallef akkużat b'dan ir-reat għandu d-dritt li jitlob lill-Kunsill Ġudizzjarji jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu mat-tkomplija tal-prosekuzzjoni kriminali, li, f'każ li jingħata, ikun ifisser it-terminazzjoni tal-proċedimenti[40]. L-imħallef imressaq il-qorti jista' jiġi sospiż b'mod temporanju biss permezz ta' deċiżjoni tal-qorti dixxiplinari[41]. Filwaqt li l-istandards Ewropej jipprevedu li f'każijiet eċċezzjonali ta' malizzja jew negliġenza gravi jista' jiġri li l-imħallfin jinżammu responsabbli għat-teħid deċiżjonali tagħhom, kull reġim li jirregola r-responsabbiltà tal-imħallfin irid jipprovdi, b'mod ċar u preċiż, il-garanziji meħtieġa biex jiġi evitat kull riskju li dan jintuża bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji[42]. Huwa importanti li meta jiġu applikati dawn id-

---

stess indipendenti biżżejjed mil-leġiżlatura, l-eżekuttiv u l-awtorità li lilhom ikun meħtieġ jippreżenta opinjoni dwar il-valutazzjoni tal-kandidati għal kariga ġudizzjarja. Ara s-sentenza tal-QĠUE tal-20 ta' April 2021, *Repubblika*, il-Kawża C-896/19, il-punt 66.

31 Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 4.

32 Dispożizzjoni tranżizzjonali stipulat li l-imħallfin li kienu għalqu 67 sena meta daħlet fis-seħħ l-Emenda Kostituzzjonali (l-1 ta' Jannar 2021) kellhom jirtiraw sal-1 ta' Frar 2021. L-awtoritajiet tas-Slovakkja kkonfermaw li ma kien hemm l-ebda mħallef f'din is-sitwazzjoni u d-dispożizzjoni għalhekk ma ġietx applikata.

33 L-Att Nru 312/2020 dwar il-Konfiska tal-Assi u l-Ġestjoni tal-Proprjetà Maqbuda u Emendi għal Ċerti Atti, effettiv mill-1 ta' Jannar 2021.

34 Id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-maġistrati popolari.

35 L-Artikolu 148(4) tal-Kostituzzjoni.

36 L-Artikolu 326a tal-Kodiċi Kriminali.

37 Id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-maġistrati popolari u l-arbitri.

38 Għal aktar informazzjoni ara l-kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 8.

39 Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Att Nru 312/2020, p. 40; Informazzjoni li waslet fil-kuntest ta' żjara ta' segwitu għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

40 Madankollu jidher li din is-salvagwardja hija fis-seħħ biss sal-2024, l-Att 423/2020, l-Artikoli III, XXX.

41 L-Artikolu 22 tal-Att 385/2000 dwar il-Qrati. Skont l-Artikolu 22a, imħallef jista' wkoll jiġi sospiż temporanjament permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ġudizzjarju jekk ikun hemm dubji ġustifikati dwar jekk humiex sodisfatti r-rekwiżiti għall-kwalifika bħala mħallef, jew jekk il-kredibbiltà tal-ġudikatura jew ir-reputazzjoni tal-ġudikatura jaf tkun serjament ipperikolata. Wara l-adozzjoni tal-emenda Kostituzzjonali f'Diċembru 2021, il-ftehim tal-Qorti Kostituzzjonali ma għadux meħtieġ aktar sabiex imħallef jinżamm arrestat. Għal aktar informazzjoni ara l-kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 8.

42 Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 68; ara b'analoġija f'każ ta' proċedimenti dixxiplinari kontra mħallfin: is-sentenza tal-QĠUE tad-19 ta' Novembru

dispożizzjonijiet il-ġodda fil-prattika, dawn is-salvagwardji jiġu osservati f'konformità mal-istandards Ewropej. Ċerti partijiet ikkonċernati esprimew tħassib dwar l-emenda kostituzzjonali rigward l-immunità tal-imħallfin, u nnutaw li l-lingwaġġ ġeneriku u vag jista' jwassal għal riskju potenzjali ta' abbuż[43].

**Ir-riforma kostituzzjonali riċenti emendat ir-reġim tat-trasferiment tal-imħallfin mingħajr il-kunsens tagħhom.** Fir-riforma kostituzzjonali riċenti kien previst li l-imħallfin jistgħu jiġu trasferiti, mingħajr il-kunsens tagħhom, f'każ ta' bidla tal-mappa ġudizzjarja, jekk trasferiment bħal dan ikun meħtieġ biex jiġi ggarantit it-tħaddim kif suppost tal-ġudikatura[44]. Skont l-istandards Ewropej, huwa possibbli, li f'każijiet eċċezzjonali, l-imħallfin jiġu trasferiti mingħajr il-kunsens tagħhom, dment li jkun hemm fis-seħħ biżżejjed salvagwardji. Dawn is-salvagwardji jinkludu rekwiżit li l-imħallef ma jistax jiġi trasferit f'qorti inferjuri u li jkun hemm il-possibbiltà ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju mill-imħallef[45]. Se jkun importanti li l-liġi ta' implimentazzjoni[46] tipprovdi biżżejjed salvagwardji filwaqt li jitqiesu l-istandards Ewropej.

**Qed jitħejja abbozz ta' riforma tal-mappa ġudizzjarja.** B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet minn rapport mill-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (Council of Europe Commission for the Efficiency of Justice, CEPEJ)[47] sabiex, fost l-oħrajn, issir riflessjoni dwar it-titjib tal-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin u dwar bidla tal-mappa ġudizzjarja, b'mod partikolari rigward it-tnaqqis tal-għadd ta' qrati distrettwali[48], il-Ministeru għall-Ġustizzja organizza gruppi ta' ħidma, magħmula, fost l-oħrajn, minn imħallfin, biex iħejji abbozz ta' riforma tal-mappa ġudizzjarja[49]. L-għan tar-riforma huwa li

---

2019, *LM*, C-216/18, il-punt 67, fir-rigward tar-responsabbiltà tal-imħallfin ara wkoll is-sentenza tal-QĠUE tat-18 ta' Mejju 2021 fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, il-punti 228-239.

[43] Skont l-Opinjoni tal-Bureau tas-CCJE tad-9 ta' Diċembru 2020, fir-rigward tal-Kostituzzjoni (CCJE-BU(2020)3, p. 5), il-lingwaġġ tar-riformulazzjoni tal-Kostituzzjoni huwa vag u jġib miegħu riskju potenzjali ta' abbuż; sejħa miftuħa għal avukati Slovakki, aċċessibbli minn https://pravnystat.eu/en/ u ppreżentata bħala kontribut għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.

[44] Preċedentement, kien biss possibbli li l-imħallfin jiġu trasferiti mingħajr il-kunsens tagħhom minħabba l-proċedimenti ġudizzjarji. L-Artikolu 148(1) tal-Kostituzzjoni.

[45] Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 52; il-Karta Ewropea tal-Istatut tal-Imħallfin, l-Artikoli 1.4., 3.4.; In-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, dwar Standards Minimi għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni professjonali u l-irrimovibbiltà tal-membri tal-ġudikatura, il-proposta 4.21;. is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tad-9 ta' Marzu 2021, *Bilgen v Turkey*, 1571/07, il-punt 96.

[46] Skont l-Artikolu 148(1) tal-Kostituzzjoni, trasferiment f'każ ta' bidla fil-mappa ġudizzjarja jiġi speċifikat ulterjorment permezz ta' liġi ta' implimentazzjoni.

[47] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 4.

[48] CEPEJ (Novembru 2017), Efficiency and quality of the Slovak judicial system, Assessment and recommendations on the basis of CEPEJ tools, CEPEJ-COOP(2017)14, pp. 20-28.

[49] Il-proċess ta' abbozzar kellu diversi stadji. Fl-ewwel stadju, grupp ta' ħidma ta' kważi 50 membru (li l-maġġorparti tagħhom kienu mħallfin, inklużi l-presidenti tal-qrati tal-Prim'Istanza u tat-Tieni Istanza, u membri tal-Kunsill Ġudizzjarju, inkluż il-president tiegħu) qablu dwar il-fatturi ewlenin tar-riforma. Fit-tieni stadju fl-ewwel nofs tal-2020, grupp ta' ħidma iżgħar u ġdid ta' bejn wieħed u ieħor 10 membri (li erbgħa minnhom kien imħallfin) abbozzaw ir-riforma fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-ewwel grupp ta' ħidma. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jpoġġu f'dubju sa liema punt ġew riflessi r-rakkomandazzjonijiet. Il-minuti u l-listi tal-preżenza mil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma fl-ewwel stadju huma disponibbli hawnhekk http://web.ac-mssr.sk/sudna-mapa-otazky-a-odpovede/. Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja; Informazzjoni ppubblikata mill-Ministeru għall-Ġustizzja, ippubblikata f'sit web dwar il-mappa l-ġdida tal-qrati, http://web.ac-mssr.sk/sudna-mapa-otazky-a-

tiżdied il-fiduċja pubblika fil-ġudikatura u tittejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tagħha[50]. L-abbozz tal-mappa huwa bbażat fuq il-ħtieġa li l-qrati jkunu mdaqqsa biżżejjed sabiex l-imħallfin ikunu jistgħu jispeċjalizzaw aktar f'kull qorti, biex jiġu rrispettati l-identitajiet kulturali u reġjonali u biex ikun hemm aċċessibbiltà tal-ġustizzja[51]. Fuq il-bażi ta' *data* rigward l-ammont ta' xogħol tal-qrati ta' bħalissa, kif ukoll l-infrastruttura u l-aċċessibbiltà tal-qrati, l-abbozz ta' riforma ppropona li jitnaqqas l-għadd ta' qrati distrettwali u reġjonali minn 54 għal 30 u minn tmienja għal tlieta[52] rispettivament. L-imħallfin, il-persunal ġudizzjarju u l-kawżi mill-qrati xolti jitressqu għall-bqija tal-qrati suċċessuri[53]. Minn Settembru sa Diċembru 2020, l-abbozz ta' riforma ġiet ippreżentata lill-imħallfin u partijiet ikkonċernati oħra; f'Jannar u Frar 2021 issoktaw id-diskussjonijiet[54]. Il-Ministeru għall-Ġustizzja bħalissa qed jevalwa l-kummenti ppreżentati fil-konsultazzjoni pubblika, li saret minn nofs Diċembru 2020 sal-bidu ta' Marzu 2021[55]. L-abbozz ta' riforma kien soġġett għal kritika minn diversi partijiet ikkonċernati, li rrapportaw, fost l-oħrajn, dwar nuqqas ta' involviment matul il-proċess tal-abbozzar u esprimew tħassib rigward l-aċċessibbiltà tal-qrati[56]. Wara l-kritika, il-Ministeru għall-Ġustizzja ddeċieda li jkompli bil-konsultazzjonijiet mal-imħallfin sa Settembru 2021, u warajhom proposta għal riforma abbozzata mill-ġdid tal-mappa ġudizzjarja se terġa' tkun soġġetta għal proċedura ta' konsultazzjoni pubblika[57]. Billi r-riforma se tinvolvi t-trasferiment ta' mħallfin[58], għandu jiġi nnutat li skont l-istandards Ewropej, l-imħallfin li jiġu trasferiti mingħajr il-kunsens tagħhom sakemm iddum għaddejja r-riforma għandhom jibbenefikaw minn salvagwardji proċedurali sabiex jiġi żgurat li l-indipendenza tagħhom ma tkunx ipperikolata (ara aktar 'il fuq). Rieżami tas-CEPEJ tal-abbozz tar-riforma kkonkluda li l-metodoloġija użata hija f'konformità mal-linji gwida tagħha u mar-rapport ta' valutazzjoni tagħha u enfasizza l-approċċ ibbażat fuq l-evidenza adottat mill-awtoritajiet Slovakki[59].

odpovede/; Iċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Diċembru 2020), Rakkomandazzjonijiet għat-tħejjija ta' mappa ġudizzjarja ġdida, pp. 15-17;

50 Iċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Novembru 2020), Riforma tal-Mappa Ġudizzjarja, p. 4.

51 Iċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Novembru 2020), Riforma tal-Mappa Ġudizzjarja, pp. 20-21. Spjegazzjoni tal-valutazzjoni ta' dawn il-kriterji għal kull distrett tingħata fiċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Novembru 2020), Odporúčania pre tvorbu novej súdnej mapy, http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/nova_sudna_mapa_3_0_final.pdf.

52 L-għan tal-grupp ta' ħidma kien li jinħolqu distretti li, fuq il-bażi tal-għadd medju tal-kawżi li jidħlu għal kull waħda mill-qrati ta' bħalissa, ikollhom biżżejjed kawżi għal minn tal-anqas tliet imħallfin speċjalizzati / tliet senati speċjalizzati għal kull aġenda. L-abbozz tar-riforma ppropona wkoll li jinħolqu qrati amministrattivi separati (ara hawn taħt). Iċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Novembru 2020), Riforma tal-Mappa Ġudizzjarja, pp. 20-21; iċ-Ċentru Analitiku tal-Ministeru għall-Ġustizzja (Novembru 2020), Odporúčania pre tvorbu novej súdnej mapy, pp. 20-21, 34, 43.

53 Abbozz tal-Att dwar is-sedi u l-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati, l-Artikoli 10(2) u 11(2), jinsabu hawnhekk https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy/SK/LP/2020/587.

54 Il-Ministeru għall-Ġustizzja, Skeda taż-żmien tal-proċess tal-abbozzar, http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/20210223_Casov%C3%A1_os_Sudna_mapa_v.2.pdf.

55 Il-portal tal-informazzjoni Slov-Lex, https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy/SK/LP/2020/587.

56 Kontribut mill-Pjattaforma ta' Komunikazzjoni tal-imħallfin Slovakki Sudnamoc.sk u l-Assoċjazzjoni tal-imħallfin Slovakki għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt; Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Barra minn hekk l-abbozz jinkludi opzjonijiet differenti għall-għażliet tal-presidenti tal-qrati, li jagħti lok għal mistoqsijiet fir-rigward tad-diskrezzjoni mogħtija lis-setgħa eżekuttiva, l-Artikolu XVI, il-punt 35 tal-Abbozz tal-Att dwar is-sedi u l-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati, li jżid l-Artikolu 101f(4) mal-Att Nru 757/2004, dwar il-Qrati.

57 Informazzjoni li waslet mill-awtoritajiet Slovakki.

58 Ġie nnutat li l-abbozz tar-riforma jipproponi li l-imħallfin jitressqu permezz ta' suċċessjoni universali mingħajr ma tintuża d-dispożizzjoni dwar it-trasferiment tal-imħallfin kif stipulat fl-Artikolu 14, l-Att 385/2000, dwar il-Qrati. L-istandards Ewropej rigward it-trasferiment japplikaw irrispettivament.

59 CEPEJ (l-14 ta' Diċembru 2020), CEPEJ Experts' review of the Judicial Map Reform in the Slovak Republic, pp. 8-9.

Ħarġet ukoll rakkomandazzjonijiet ulterjuri, bħar-riflessjoni dwar il-posponiment tal-implimentazzjoni tiegħu[60].

**Ġiet stabbilita Qorti Amministrattiva Suprema u huma previsti qrati amministrattivi**[61]. Is-sistema l-ġdida tal-qrati amministrattivi hija mistennija li tkun magħmula minn tliet qrati amministrattivi, li qed jiġi propost li jiġu stabbiliti permezz tal-abbozz tar-riforma tal-mappa ġudizzjarja, u Qorti Amministrattiva Suprema, li nħolqot mir-riforma Kostituzzjonali riċenti u hija mistennija li tibda topera f'Awwissu 2021[62]. Il-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema nħatar[63] f'Mejju 2020 u l-proċess tal-għażla tal-imħallfin jinsab għaddej bħalissa. L-Imħallfin tal-Qorti jintgħażlu mill-Kunsill Ġudizzjarju[64]. L-abbozz tar-riforma tal-mappa ġudizzjarja (ara aktar 'il fuq) jipprevedi l-ħolqien ta' tliet qrati amministrattivi separati. Huwa previst[65] li l-presidenti ta' dawn il-qrati amministrattivi l-ġodda jintgħażlu minn kumitat ta' ħames membri, li għandhom jintgħażlu mill-Ministru għall-Ġustizzja, u tnejn minnhom minn kandidati nominati mill-Kunsill Ġudizzjarju[66]. Fir-rigward tal-għażla tal-imħallfin fil-qrati amministrattivi, huwa propost[67] li l-Ministru għall-Ġustizzja[68] jiddetermina liema karigi se jiġu koperti minn trasferiment ta' mħallfin[69] u liema permezz ta' proċedura tal-għażla[70]. Se jkun importanti li t-twaqqif ta' dawn il-qrati u r-reġim applikabbli għalihom iqisu l-istandards Ewropej[71].

---

60 CEPEJ (l-14 ta' Diċembru 2020), CEPEJ Experts' review of the Judicial Map Reform in the Slovak Republic, pp. 10-11.

61 Il-Qorti Amministrattiva Suprema tkun, fost l-oħrajn, qorti amministrattiva tat-Tieni Istanza. Il-kawżi amministrattivi tal-Prim'Istanza bħalissa huma trattati mis-senati amministrattivi tal-qrati reġjonali u se jiġu trasferiti għall-qrati amministrattivi l-ġodda wara li jiġu stabbiliti.

62 Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Ministeru għall-Ġustizzja talab l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar kompetenza possibbli tal-Qorti Amministrattiva Suprema biex isservi bħala korp tal-appell li jistħarreġ id-deċiżjonijiet dixxiplinari rigward l-avukati tal-Kamra tal-Avukati Slovakka u dwar il-pożizzjoni u l-istatus tal-avukati fl-ordinament ġuridiku Slovakk. Bħalissa mhi qed titħejja l-ebda leġiżlazzjoni biex il-Qorti tingħata setgħa bħal din, iżda dan huwa ssuġġerit fil-Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Att Kostituzzjonali Nru 422/20, p. 28.

63 Il-President tal-Qorti Suprema nħatar mill-President tar-Repubblika fuq il-bażi ta' proposta mill-Kunsill Ġudizzjarju fuq il-bażi tad-dispożizzjoni tranżizzjonali 154g(7) tal-Kostituzzjoni.

64 L-Artikolu 151zf, l-Att 385/2000, dwar il-Qrati.

65 L-Artikolu XVI, il-punt 35 tal-Abbozz tal-Att dwar is-sedi u l-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati, li jżid l-Artikolu 101f(1) mal-Att Nru 757/2004, dwar il-Qrati.

66 Fil-proċess standard tal-ħatra tal-presidenti tal-qrati kif stipulat fl-Artikoli 36 u 37 tal-Att 750/2004, dwar il-Qrati, jintgħażlu erba' membri tal-kumitat tal-għażla mill-Ministru għall-Ġustizzja minn lista ta' kandidati sabiex wieħed mill-membri jkun ġie nnominat għal-lista mill-Kunsill Ġudizzjarju u tlieta mill-Ministru. Membru wieħed tal-kumitat tal-għażla jiġi elett mill-kunsill tal-imħallfin fil-qorti rispettiva. Il-lista tal-kandidati hija ppubblikata fis-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja https://www.justice.gov.sk/Stranky/Sudy/Vyberove-konania-na-sudoch/Kandidati-na-clenov-vyberovych-komisii-na-vyber-predsedov-sudov.aspx.

67 L-Artikolu IX, il-punt 17 tal-Abbozz tal-Att dwar is-sedi u l-ġuriżdizzjoni territorjali tal-qrati, li jżid l-Artikolu 151zg mal-Att Nru 385/2000, dwar l-imħallfin.

68 Wara diskussjoni mal-Kunsill Ġudizzjarju.

69 It-trasferiment tal-imħallfin isir mill-Kunsill Ġudizzjarju fuq talba ta' mħallef jew inkella bil-kunsens tiegħu jew tagħha, jew fuq il-bażi ta' deċiżjoni dixxiplinari, l-Artikolu 14, l-Att 385/2000, dwar il-Qrati.

70 Il-proċedura tal-għażla ssir minn kumitat tal-għażla magħmul minn żewġ membri nnominati mill-Ministru għall-Ġustizzja u tliet membri nnominati mill-Kunsill Ġudizzjarju, l-Artikolu 29, l-Att 385/2000, dwar il-Qrati.

71 Il-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (2016), l-Opinjoni Nru 19, The role of court presidents, il-paragrafu 53.

**Ġew eletti Prosekutur Ġenerali ġdid u Prosekutur Speċjali permezz ta' proċedura ġdida.** F'Settembru 2020, il-Parlament adotta liġi[72] li daħħlet diversi bidliet fil-proċess tal-elezzjoni tal-Prosekutur Ġenerali u l-Prosekutur Speċjali[73]. Il-liġi estendiet il-lista tal-persuni bid-dritt li jipproponu kandidat(a) għall-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali[74], fetħet il-kandidatura għal dan l-uffiċċju għal kandidati li mhumiex prosekuturi, u introduċiet rekwiżit li l-kandidati kemm għal Prosekutur Ġenerali kif ukoll għal Prosekutur Speċjali jkunu soġġetti għal smigħ pubbliku fil-Parlament[75]. Ir-regoli l-ġodda ġew applikati f'Diċembru 2020 u Frar 2021 matul l-elezzjoni tal-kandidati għal Prosekutur Ġenerali u Prosekutur Speċjali. Iż-żewġ elezzjonijiet ġew segwiti mill-qrib mill-media u l-partijiet ikkonċernati nnutaw iż-żieda fit-trasparenza tal-proċess[76].

## Kwalità

**L-isforzi biex id-diġitalizzazzjoni titmexxa 'l quddiem qed jagħtu l-frott tagħhom iżda fil-prattika jfeġġu dgħufijiet.** L-involviment attiv biex id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja titmexxa 'l quddiem [77] beda jagħti l-frott tiegħu. Is-Slovakkja hija attrezzata tajjeb f'termini ta' regoli proċedurali li jippermettu teknoloġija diġitali fil-qrati[78], kif ukoll firxa ta' għodod u infrastruttura li jippermettu komunikazzjoni mill-bogħod u aċċess remot sigur għal-lant tax-xogħol[79], komunikazzjoni elettronika sigura bejn is-servizzi tal-qrati u l-istituzzjonijiet u l-professjonisti legali[80] jew possibbiltajiet għall-utenti li jagħtu bidu għal proċedimenti f'kawżi ċivili, kummerċjali u amministrattivi u jwettqu segwitu tagħhom[81]. Tfaċċaw lakuni b'mod partikolari fir-rigward tas-servizz tal-prosekuzzjoni[82] u s-soluzzjonijiet diġitali għall-proċeduri tal-qorti f'kawżi kriminali[83]. Madankollu, hemm sinjali li filwaqt li hemm għodod u infrastrutturi fis-seħħ, l-użu tagħhom fil-prattika jaf ikun ostakolat, inkluż permezz ta' ostakli bħal faċilità għall-utent mill-inqas, inkompatibbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni differenti użati jew nuqqas ta' ħiliet tal-utenti[84]. Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 b'mod kumplessiv ikkontribwiet għall-momentum fil-proċess ta' diġitalizzazzjoni, ħarġet fid-deher uħud minn dawn in-nuqqasijiet prattiċi[85]. Jinsabu

[72] L-Att 241/2020.

[73] Skont l-Artikolu 150 tal-Kostituzzjoni, il-Prosekutur Ġenerali jinħatar mill-President tar-Repubblika fuq il-proposta tal-Parlament. Il-Prosekutur Speċjali jiġi elett mill-Parlament, l-Artikolu 24a, l-Att Nru 154/2001, dwar il-Prosekuturi.

[74] Il-kandidati jistgħu jiġu nnominati minn Membru tal-Parlament, il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ombudsperson, il-Kunsill tal-Prosekuturi, organizzazzjoni professjonali ta' avukati, fakultà tal-liġi u l-Akkademja tax-Xjenzi. Preċedentement, il-Membri tal-Parlament biss kellhom id-dritt li jipproponu kandidat, l-Artikolu 7(4), l-Att Nru 153/2001, dwar il-Prosekuzzjoni Pubblika.

[75] L-Artikolu 125(2), l-Att Nru 153/2001, dwar il-Prosekuzzjoni Pubblika.

[76] Kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9; Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[77] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 5.

[78] Il-Figura 41, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[79] Il-Figura 42, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[80] Il-Figura 43, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[81] Il-Figura 45, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[82] Il-Figura 44, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[83] Il-Figura 46, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

[84] Kontribut mill-Kamra tal-Avukati Slovakka għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.

[85] Eżempju ieħor li ħareġ fid-deher wara l-pandemija tal-COVID-19 huwa l-ħtieġa għal diġitalizzazzjoni fil-proċeduri ta' detenzjoni biex jingħata lok għal komunikazzjoni diġitali sigura bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom f'detenzjoni. Kontribut mill-Kamra tal-Avukati Slovakka għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt. Ara wkoll l-istqarrija għall-istampa tal-Kamra tal-Avukati Slovakka tat-23 ta' Marzu 2021, Predseda SAK navštívil nového generálneho riaditeľa Zboru väzenskej a justičnej stráže.

għaddejjin diversi proġetti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-sistema tal-ġustizzja taħt it-tmexxija ta' dipartiment ġdid tal-IT fil-Ministeru għall-Ġustizzja, inkluż l-iżvilupp ta' Sistema ġdida ta' Ġestjoni tal-Każijiet u reġistru kummerċjali ġdid, li ġew inklużi wkoll fil-Pjan Slovakk għall-Irkupru u r-Reżiljenza[86].

**Minkejja li l-pandemija kellha impatt notevoli fuq is-sistema tal-ġustizzja, kumplessivament, il-qrati u l-avukati setgħu jibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħhom.** L-għadd ta' seduti ta' smigħ li saru mill-qrati distrettwali u reġjonali naqas. Meta saru, is-seduti ta' smigħ saru permezz ta' vidjokonferenza jew, jekk meħtieġ, bil-preżenza fiżika u l-osservazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza. Il-Qorti Suprema ntlaqtet anqas, inkluż minħabba li l-biċċa l-kbira tal-proċedimenti tagħha jsiru bil-miktub[87]. Anki l-avukati ntlaqtu mill-pandemija, iżda ma rrapportaw l-ebda ostaklu kbir fl-eżerċitar tal-ħidma tagħhom[88]. Il-Kunsill Ġudizzjarju kien qed iwettaq monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni fil-qrati. Il-Ministeru għall-Ġustizzja ppubblika linji gwida u informazzjoni rigward ir-restrizzjonijiet, li ġew apprezzati mill-qrati[89].

### Effiċjenza

**L-effiċjenza tal-proċedimenti fil-kawżi amministrattivi kompliet tmur aktar għall-agħar.** Ix-xejra tat-tul dejjem jiżdied tal-proċedimenti fil-kawżi amministrattivi, li mill-perspettiva tal-UE huwa komparabbilment twil, issoktat fl-2019, u laħqet 518-il jum meta mqabbla mal-157 jum fl-2018[90]. Fl-istess waqt, ir-rata ta' kklirjar kompliet tonqos ukoll, u naqset għal 81,4 % fl-2019 (meta mqabbla ma' 96,1 % in 2018)[91]. Dan jagħti x'wieħed jifhem li s-sistema ma jirnexxilhiex tlaħħaq b'mod effiċjenti mal-ammont ta' xogħol fil-kawżi amministrattivi. Fir-rigward tal-kawżi ċivili u kummerċjali, it-tul stmat tal-proċedimenti f'kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi żdied fl-2019 meta mqabbel mal-2018, u laħaq 170 jum (meta mqabbel ma' 157 fl-2018)[92]. Diversi ġabriet ta' kawżi rigward it-tul eċċessiv tal-proċedimenti ċivili ġew eżaminati mill-Kunsill tal-Ewropa[93].

## II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Fis-Slovakkja, il-kompetenzi għall-prevenzjoni, l-individwar u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni huma kondiviżi bejn diversi awtoritajiet. L-Uffiċċju tal-Gvern huwa l-korp

---

86 Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12; il-Pjan tas-Slovakkja għall-Irkupru u r-Reżiljenza jippjana investimenti fid-diġitalizzazzjoni u fil-kapaċitajiet analitiċi tas-sistema tal-ġustizzja, il-Komponent 15 tal-Pjan tas-Slovakkja għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

87 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

88 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

89 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

90 Il-Figura 10, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

91 Il-Figura 13, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

92 Il-Figura 7, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għall-2021.

93 Dawn il-ġabriet ta' kawżi jikkonċernaw it-tul eċċessiv tal-proċedimenti ċivili, it-tul eċċessiv tal-proċedimenti rigward talba għal kumpens tal-parti aggravata b'rabta ma' proċedimenti kriminali, l-effettività tar-rimedju għal proċedimenti ċivili eċċessivament twal u tul eċċessiv tal-proċedimenti ta' restituzzjoni tal-art (proċedimenti b'żewġ saffi li jikkonsistu mill-fażi amministrattiva quddiem l-Uffiċċju tal-Artijiet u fażi ġudizzjarja tal-appell) u nuqqas ta' rimedji effettivi, rispettivament. Id-deċiżjonijiet dwar dawn il-kawżi nħarġu mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-eżekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi mill-awtoritajiet Slovakki tinsab għaddejja u qed isir monitoraġġ tagħha mill-Kunsill tal-Ewropa skont il-proċedura standard. Ara l-istatus tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-24 ta' Lulju 2012, *Maxian and Maxianova*, 44482/09, tal-15 ta' Settembru 2015 *Javor and Javorova*, 42360/10, tas-27 ta' Ġunju 2017, *Ivan,* 57405/15, tal-31 ta' Awwissu 2018, *Balogh and others,* 35142/15.

ċentrali għall-koordinazzjoni tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni, li jirrapporta direttament lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. L-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità tal-Presidju tal-Forza tal-Pulizija hija responsabbli għall-individwar u l-investigazzjoni ta' reati ta' korruzzjoni bl-eċċezzjoni ta' reati ta' korruzzjoni mwettqa minn membri tal-pulizija stess u ċerti aġenziji tal-infurzar tal-liġi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Bureau tas-Servizz ta' Spezzjoni[94]. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali[95] għandu ġuriżdizzjoni esklużiva fuq l-investigazzjoni ta' reati kriminali taħt il-ġuriżdizzjoni sostantiva tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata, inklużi reati ta' korruzzjoni[96].

**Il-perċezzjoni fost l-esperti u d-diriġenti tan-negozju hija li l-livell ta' korruzzjoni fis-settur pubbliku jibqa' għoli.** Fl-Indiċi tal-2020 dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni minn Transparency International, is-Slovakkja ġabet 49 minn 100 punt u tinsab fis-sbatax-il post fl-Unjoni Ewropea u fis-sittin post fid-dinja[97]. Din il-perċezzjoni kienet relattivament stabbli[98] matul l-aħħar ħames snin[99].

**Il-qafas strateġiku kontra l-korruzzjoni jiġi pprovdut mill-Politika Kontra l-Korruzzjoni għall-2019-2023.** Il-Politika[100] tixħet il-lenti l-aktar fuq il-prevenzjoni permezz ta' miżuri mhux vinkolanti u hija akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni, il-Programm Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni[101], u diversi programmi settorjali[102]. Billi huwa essenzjalment identiku għad-dokument ta' politika, il-pjan ta' azzjoni attwali ma jippreżentax passi operazzjonali konkreti biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet politiċi. Il-Programm Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni bħalissa qiegħed jiġi aġġornat[103]. Id-Dipartiment għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni tal-Uffiċċju tal-Gvern jissorvelja l-implimentazzjoni tal-

94 Ara l-Artikolu 4(3) tal-Att Nru 171/1993 Ġabra dwar il-Forza tal-Pulizija.

95 L-Att tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka Nru 458/2003 Ġabra dwar it-twaqqif tal-Qorti Speċjali u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali.

96 L-Att Nru 291/2009 Ġabra dwar il-Qorti Kriminali Speċjalizzata.

97 Transparency International, Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2020 (2021) pp. 2-3. Il-livell ta' perċezzjoni tal-korruzzjoni huwa kategorizzat kif ġej: baxx (il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku hija ogħla minn 79); relattivament baxx (punteġġi bejn 79-60), relattivament għoli (punteġġi bejn 59-50), għoli (punteġġi taħt 50).

98 Fl-2015, il-punteġġ kien ta' 51, filwaqt li fl-2020, il-punteġġ kien ta' 49. Il-punteġġ jiżdied/jonqos b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; jitjieb/jiddeterjora (bidliet bejn 4-5 punti); ikun relattivament stabbli (bidliet b'minn 1-3 punti) fil-ħames snin preċedenti.

99 Id-*data* tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni u l-esperjenza tal-korruzzjoni taċ-ċittadini u n-negozji kif irrappurtata s-sena l-oħra tiġi aġġornata kull sentejn. L-aħħar sett ta' *data* huwa l-Ewrobarometru Speċjali 502 (2020) u l-Ewrobarometru Flash 482 (2019).

100 Il-Gvern tar-Repubblika Slovakka, il-Politika tar-Repubblika Slovakka Kontra l-Korruzzjoni għall-2019-2023 (2018).

101 Il-Gvern tar-Repubblika Slovakka, il-Programm Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka Kontra l-Korruzzjoni (2019).

102 Il-programmi settorjali ġew adottati mill-ministeri u istituzzjonijiet oħra, inklużi l-Ministeru għall-Ġustizzja, għall-Ekonomija, għall-Intern, għat-Trasport u l-Kostruzzjoni, għall-Ambjent, għas-Settur Finanzjarju, għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, għas-Saħħa, u għax-Xogħol, fost l-oħrajn. Il-pjanijiet ta' azzjoni adottati fihom primarjament elementi preventivi, inklużi s-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni kontra l-korruzzjoni u l-ġestjoni tar-riskju tal-korruzzjoni.

103 Il-Programm Nazzjonali l-ġdid Kontra l-Korruzzjoni jinsab fl-istadju ta' tħejjija. Skont il-Gvern Slovakk, diġà saru konsultazzjonijiet pubbliċi. Kontribut addizzjonali mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 7.

politika u tal-pjan ta' azzjoni. Is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-programmi settorjali hija l-kompetenza tal-korpi rilevanti tal-amministrazzjoni ċentrali tal-istat[104].

**Il-qafas legali kriminali ġie kkomplementat bid-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida dwar il-qbid tal-assi.** Fost l-oħrajn, il-liġi dwar il-qbid tal-assi[105], li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2021, tipprevjeni l-legalizzazzjoni tal-assi kriminali permezz ta' trasferimenti lill-terzi persuni u temenda l-kodiċi kriminali billi ddaħħal reati ġodda, bħar-reat li jiġu aċċettati jew offruti benefiċċji mhux ġustifikati jew vantaġġi indebiti, u r-reat tal-korruzzjoni indiretta[106]. Barra minn hekk, l-att jintroduċi definizzjoni ta' rikavati minn attività kriminali. B'mod partikolari, l-att jistabbilixxi Uffiċċju ġdid għall-Ġestjoni tal-Proprjetà Maqbuda[107]. Jeżistu nuqqasijiet leġiżlattivi fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-pulizija li titlob informazzjoni finanzjarja tas-suspettati mill-banek fl-istadju tal-investigazzjoni ta' dawn ir-reati[108], kif ukoll fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-abbuż mill-preżunta influwenza[109].

**Qed jiġu implimentati miżuri biex jiżdiedu r-riżorsi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali bl-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet tiegħu.**. Fl-10 ta' Frar 2021, il-Gvern approva proposta biex jiżdiedu r-riżorsi u l-għadd ta' persunal speċjalizzat għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali[110]. Kumplessivament l-għadd ta' prosekuturi żdied minn 35 għall-38 fl-2021. Bl-għan li jiġi indirizzat it-tħassib rigward ir-riżorsi u l-kapaċitajiet limitati biex il-korruzzjoni fil-livelli għolja titressaq il-qorti[111], id-diviżjoni li tittratta speċifikament il-korruzzjoni u r-reati relatati mal-korruzzjoni rdoppjat il-persunal minn ħames għal għaxar prosekuturi li

[104] Ir-rwol tad-Dipartiment għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni tal-Uffiċċju tal-Gvern huwa limitat għall-ivverifikar dwar jekk il-ministeru rilevanti jkunx ħejja l-programm iżda ma jevalwax il-kontenut tiegħu. Madankollu, id-Dipartiment għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni jikkoopera mal-koordinaturi kontra l-korruzzjoni mal-Kunsill tal-Koordinaturi Kontra l-Korruzzjoni. Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[105] L-Att Nru 312/2020 dwar il-Konfiska tal-Assi u l-Ġestjoni tal-Proprjetà Maqbuda u Emendi għal Ċerti Atti, effettiv mill-1 ta' Jannar 2021.

[106] Il-liġi ddefiniet ukoll mill-ġdid it-terminu ħasil tar-rikavati minn attività kriminali u daħħlet reat ġdid ta' żgiċċar mil-liġi, ara aktar 'il fuq fit-Taqsima I. L-għamliet kollha ta' korruzzjoni attiva, passiva, diretta u indiretta diġà kienu ġew ikkriminalizzati fis-Slovakkja qabel dan.

[107] Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport kienu għadhom għaddejjin il-proċeduri tal-għażla biex jiġi stabbilit direttur, skont il-kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 22. Iddaħħlu diversi emendi relatati mal-korruzzjoni, inklużi l-Att Nru 279/2020 li jemenda u jissupplimenta l-Att Nru 297/2008 dwar il-protezzjoni kontra l-ħasil tal-flus u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu (Settembru 2020).

[108] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 24, b'referenza għall-Artikolu 29(a) il-paragrafu 4 tal-Att Nru 171/1993 Ġabra dwar il-Forza tal-Pulizija, minkejja li l-pulizija għandha l-awtorizzazzjoni li tikseb tali informazzjoni f'każ ta' reati kriminali oħra, bħall-evażjoni tat-taxxa, l-operazzjonijiet finanzjarji illegali, jew il-legalizzazzjoni tar-rikavati minn attività kriminali. B'mod partikolari, abbozz ta' liġi dwar ir-Reġistru Ċentrali tal-Kontijiet Bankarji huwa mistenni li jindirizza dawn in-nuqqasijiet mill-1 ta' Diċembru 2021.

[109] UNCAC Implementation Review - 1st cycle (2010-2015), Country Review Report of Slovak Republic, p. 22. L-abbuż mill-influwenza huwa kkriminalizzat taħt l-Artikolu 336 tal-Kodiċi Kriminali iżda ma jkoprix il-każijiet li fihom individwu offra tixħim jew xaħħam lil persuna oħra li fil-verità ma kellhiex influwenza f'dak li tkun ixxaħħmet għalih, kif mitlub mill-Konvenzjoni tal-UNCAC.

[110] Id-Deċiżjoni Nru UV-1860/2021. Ara wkoll il-Gvern tar-Repubblika Slovakka, il-Proposta biex jiżdied l-għadd ta' persuni maħtura biex iwettqu l-kompiti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka u l-klassifikazzjoni funzjonali tagħhom.

[111] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 15. Tqajjem tħassib mill-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni Speċjali li jindika li bħala medja, kull prosekutur huwa responsabbli għal madwar 80 kawża f'daqqa, li jqajjem dubji dwar is-superviżjoni effettiva tal-investigazzjonijiet. Ara r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt (2020), p. 7.

hemm bħalissa fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali[112]. Ir-riorganizzazzjoni seħħet matul l-2021[113]. Kien hemm qbil ukoll dwar żieda sinifikanti fir-riżorsi baġitarji għall-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali[114]. Għad hemm tħassib rigward il-livell ta' fiduċja fil-pulizija, kif ukoll l-ispeċjalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tagħhom, li jaffettwaw il-kooperazzjoni tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni mal-pulizija u l-individwar tal-korruzzjoni u tar-reati relatati mal-korruzzjoni[115]. B'mod partikolari, kif iddikjarat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-kapaċitajiet forensiċi u analitiċi msaħħa tal-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità jikkontribwixxu għal investigazzjonijiet finanzjarji aktar effettivi[116]. Sa Ġunju 2022 hija ppjanata riforma tal-pulizija biex timmodernizza l-pulizija f'dan ir-rigward[117].

**L-isforzi biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fil-livelli għolja żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu tar-rapportar.** Il-kapaċità ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni tal-korruzzjoni fil-livelli għolja tjiebet b'mod konsiderevoli wara d-dimostrazzjonijiet pubbliċi tal-massa kontra l-impunità perċepita għall-korruzzjoni fil-livelli għolja fuq il-bażi ta' rivelazzjonijiet li saru fil-kuntest tal-qtil tal-ġurnalist Ján Kuciak u tal-għarusa tiegħu Martina Kušnírová fl-2018. Minn Ottubru 2020, għadd ta' eks rappreżentanti f'karigi għolja mill-pulizija, is-servizz tal-prosekuzzjoni u l-ġudikatura kif ukoll mis-settur privat ġew mixlija b'korruzzjoni u reati relatati mal-korruzzjoni[118]. Fl-2020, l-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità tat bidu għall-proċedimenti f'158 każ ta' korruzzjoni[119]. L-għadd ta' individwi kkundannati għal reati ta' korruzzjoni rdoppja u aktar mill-2019 (62 kundanna) għall-2020 (128 kundanna)[120]. Dan l-aħħar, f'Mejju 2021, l-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità żammet detenuti diversi uffiċjali f'karigi għolja tal-Fond tal-Artijiet[121] li allegatament kienu

---

[112] Id-diviżjoni ta' bħalissa tad-Dipartiment tar-Reati Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali tikkonsisti minn kap prosekutur u disa' prosekuturi, skont il-kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 16.

[113] Id-diviżjoni ta' bħalissa tad-Dipartiment tar-Reati Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali tikkonsisti minn kap prosekutur u disa' prosekuturi, skont il-kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 16.

[114] L-Uffiċċju se jirċievi EUR 1,3 miljun addizzjonali biex iwettaq ir-riforma.

[115] Ara GRECO, Il-Ħames Ċiklu ta' Evalwazzjoni – Rapport ta' Evalwazzjoni, ir-Repubblika Slovakka (2019), pp. 37-57.

[116] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 7.

[117] Ara l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Repubblika Slovakka.

[118] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Ara wkoll it-Taqsima I.

[119] Mill-159 każ ta' korruzzjoni mibdija, 73 każ kienu bbażati fuq l-għoti ta' tixħim, 71 fuq l-aċċettar ta' tixħim, tmienja fuq korruzzjoni indiretta, ħamsa fuq korruzzjoni fl-elezzjonijiet, u każ wieħed fuq logħob mixtri fl-isport, skont l-informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[120] Ir-reati inklużi fl-istatistika huma korruzzjoni passiva (l-Artikolu 328), il-korruzzjoni passiva – akkwist ta' oġġetti ta' interess ġenerali (l-Artikolu 329), il-korruzzjoni attiva (l-Artikolu 332), il-korruzzjoni attiva – akkwist ta' oġġetti ta' interess ġenerali (l-Artikolu 333), l-abbuż mill-influwenza (l-Artikolu 336), it-tixħim elettorali (l-Artikolu 336a), il-korruzzjoni fl-isport (l-Artikolu (336b). Kontribut addizzjonali mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, disponibbli hawnhekk http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/rocenka2019/I.-Trestn%C3%A1-agenda_2019_pdf.pdf. Barra minn hekk, l-istatistika dwar il-korruzzjoni hija disponibbli fir-rapporti annwali dwar l-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità rigward l-għadd ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali u l-għadd ta' individwi akkużati b'reati ta' korruzzjoni. Apparti minn hekk il-Ministeru għall-Intern kull xahar jippubblika online statistika dwar ir-reati.

[121] Il-Fond tal-Artijiet tas-Slovakkja huwa inkarigat mill-ġestjoni tal-artijiet agrikoli bi sjieda tal-Istat jew art mingħajr sid privat magħruf. Dawn il-ħbula agrikoli jkopru bejn wieħed u ieħor 20 % tal-artijiet agrikoli fis-Slovakkja u fil-maġġorparti tagħhom huma eliġibbli għall-għotjiet ta' pagamenti diretti tal-UE.

involuti fi skemi ta’ korruzzjoni bejn l-2016 u l-2020[122]. F’dan il-kuntest, l-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (OLAF) diġà kien qajjem tħassib fl-2020 b’segwitu għal tliet investigazzjonijiet amministrattivi dwar il-pagamenti fl-agrikoltura rigward nuqqasijiet fil-Fond tal-Artijiet f’dak li għandu x’jaqsam ma’ trasparenza, trattament indaqs tal-applikanti għal-lokazzjoni u ċ-ċertezza tad-dritt fil-proċeduri interni[123]. Madankollu, il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Nazzjonali kontra l-Kriminalità, l-Uffiċċju tas-Sigurtà Nazzjonali, l-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar u l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja għadha tista’ tittejjeb u tkun aktar sfiqa sabiex tindividwa u tiddokumenta aħjar il-korruzzjoni[124] L-infurzar effettiv tat-tixħim barrani wkoll jibqa’ sors ta’ tħassib[125].

**Il-Parlament tas-Slovakkja ħatar il-Kap tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Informaturi fi Frar 2021**. Wara din il-ħatra[126], l-Uffiċċju se jibda jopera u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fi żmien sitt xhur[127]. Il-mandat tal-Kap tal-Uffiċċju huwa ta’ seba’ snin. L-Uffiċċju huwa indipendenti minn kwalunkwe dipartiment ieħor[128]. Il-mandat tal-Uffiċċju se jiffoka fuq il-ksur tal-liġi u l-protezzjoni kontra miżuri ta’ ritaljazzjoni li jittieħdu mill-entità notifikata fuq il-bażi tal-prinċipji tal-kunfidenzjalità u l-anonimat[129]. Ir-rwol tal-Uffiċċju huwa li jipprovdi pariri, taħriġ, gwida metodoloġika u sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar il-whistleblowing, inklużi każijiet ta’ korruzzjoni. L-Uffiċċju jagħti rendikont lill-Parlament u se jipprovdi rapport annwali. L-udjenza fil-mira tal-Uffiċċju hija kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat.

**Is-Slovakkja ħadet impenn li tippreżenta abbozz ta’ liġi dwar il-lobbjar f’Novembru 2021.** Il-proċess immexxi mill-Uffiċċju tal-Gvern[130] jinsab fl-istadju ta’ tħejjija inizjali[131]. Saru diversi tentattivi biex tiġi adottata leġiżlazzjoni iżda sa issa l-lobbjar għadu mhuwiex

[122] Aktuality.sk (id-19 ta’ Marzu 2021), NAKA għal darb’oħra żżomm arrestati lil Kvietik u diversi persuni mill-Fond Slovakk tal-Artijiet.

[123] \x{FDDF}Stqarrija għall-Istampa tal-Uffiċċju Ewropew ta’ Kontra l-Frodi (il-21 ta’ Jannar 2021), l-OLAF jagħlaq il-każijiet dwar il-fondi agrikoli tal-UE fis-Slovakkja.

[124] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 25.

[125] Tul il-perjodu mill-2016-2019, is-Slovakkja fetħet għadd mhux magħruf ta’ investigazzjonijiet, ma tat bidu għall-ebda każ u ma kkonkludiet ebda każ, skont Transparency International, Exporting Corruption (2020), p. 102. Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar it-tixħim barrani ġew emendati b’segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD, L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim, il-Fażi 3: ir-Repubblika Slovakka (2012), u OECD, Segwitu għar-Rapport u Rakkomandazzjoni tal-Fażi 3: ir-Repubblika Slovakka (2014). Għar-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi fir-rigward tat-tixħim barrani, ara OECD, Rapport dwar il-Fażi 1bis: ir-Repubblika Slovakka (2017). Matul l-2025, huwa skedat li r-Repubblika Slovakka tkun soġġetta għar-rieżami tal-Fażi 4 tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, li jirrieżamina l-miżuri meħuda biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet identifikati fl-isforzi ta’ infurzar u evalwazzjonijiet preċedenti.

[126] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 19; Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 8.

[127] L-Uffiċċju għall-Protezzjoni tal-Informaturi huwa stabbilit permezz tal-Att leġiżlattiv Nru 54/2019 Ġabra Dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi, fis-seħħ minn Marzu 2019.

[128] Il-kostijiet tal-persunal u tal-operat jammontaw għal bejn wieħed u ieħor EUR 1,1 miljun fis-sena.

[129] Sa mill-2019, is-Slovakkja għandha fis-seħħ liġi awtonoma għall-protezzjoni tal-informaturi, l-Att Nru 54/2019 Ġabra dwar il-Protezzjoni tal-Informaturi.

[130] Il-Gvern tar-Repubblika Slovakka, Pjan ta’ Kompiti Leġiżlattivi tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2021 https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy?p_p_id=processDetail_WAR_portletsel&p_p_lifecycle=2&p_p_state=normal&p_p_mode=view&p_p_cacheability=cacheLevelPage&p_p_col_id=column-2&p_p_col_count=1&_processDetail_WAR_portletsel_fileCooaddr=COO.2145.1000.3.4201465&_processDetail_WAR_portletsel_file=pl%C3%A1n-2021.pdf&_processDetail_WAR_portletsel_action=getFile.

[131] Informazzjoni li waslet mill-Gvern fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

irregolat fis-Slovakkja[132]. Minħabba f'hekk, ma hemm l-ebda definizzjoni legali ta' lobbisti, attivitajiet ta' lobbjar u miri tal-lobbjar, u lanqas ma hemm fis-seħħ sanzjonijiet effettivi għal-lobbjar indebitu jew impronta leġiżlattiva[133]. Madankollu, leġiżlazzjoni u għodod relatati jagħtu lok għat-traċċar tal-kummenti tal-partijiet ikkonċernati u tal-portata li biha jkunu sabu ruħhom f'abbozz leġiżlattiv[134]. Kodiċi tal-Etika tal-membri tal-Parlament[135] u l-introduzzjoni ta' regolament leġiżlattiv dwar ir-regoli ta' wara l-impjieg ("revolving doors") ukoll huma ppjanati għall-2021[136]. Daħlu fis-seħħ emendi tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Interess Pubbliku li jipprevedu l-obbligu li jiġu ddikjarati r-rigali jew benefiċċji oħra u l-użu ta' proprjetà mobbli jew immobbli[137].

**Il-Gvern beħsiebu joħloq uffiċċju ċentralizzat ġdid għall-monitoraġġ u l-verifika tal-assi, inklużi tal-uffiċjali eżekuttivi ewlenin.** L-Uffiċċju tal-Gvern f'kooperazzjoni mal-Parlament jinsab fi stadju inizjali tal-kunċettwalizzazzjoni ta' proposta leġiżlattiva biex jiġi stabbilit uffiċċju unfikat[138]. Sa issa, is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi għall-membri tal-Parlament, l-imħallfin, il-prosekuturi, l-uffiċjali pubbliċi u l-impjegati taċ-ċivil hija deċentralizzata. Fil-bidu tal-2021, ġie rrapportat dewmien kbir fil-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-2019 tal-membri tal-Parlament dovuti f'Awwissu 2020, għal raġunijiet relatati mal-pandemija tal-COVID-19 u proċessi pendenti biex jiġu imposti multi għan-nonkonformità[139]

**Il-finanzi tal-partiti politiċi huma trasparenti, madankollu s-sorveljanza tista' tissaħħaħ**. Il-liġi prinċipali li tirregola l-finanzjament tal-partiti politiċi fis-Slovakkja hija l-

---

[132] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 8.

[133] Ara GRECO, Fourth Evaluation Round, Slovak Republic - *Addendum* to the Second Compliance Report (2019), il-paragrafu 8, u GRECO, Fourth Evaluation Round – Evaluation Report Slovak Republic (2013), il-paragrafu 25 (fir-rigward tal-membri tal-parlament); GRECO, Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, Slovak Republic (2019), il-paragrafu 89 (fir-rigward tal-gvern ċentrali/ karigi eżekuttivi ewlenin); GRECO, Fourth Evaluation Round (2019), *Addendum* to the Second Compliance Report, Slovak Republic.

[134] Fost l-oħrajn dawn jinkludu l-Att b'saħħtu dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u l-Liġi Kostituzzjonali dwar il-Kunflitti ta' Interess Nru 357/2004 Ġabra.

[135] Il-Kodiċi tal-Etika għall-membri tal-Parlament se tkun parti mill-abbozz ta' liġi dwar il-lobbjar tal-Uffiċċju tal-Gvern. Għall-impjegati tal-istat, l-emendi leġiżlattivi tal-2019 tal-Att dwar is-Servizz Ċivili kienu jinkludu Kodiċi tal-Etika għall-impjegati tal-istat u sistema biex tivvaluta l-konformità, id-Digriet Nru 400/2019 dwar il-Kodiċi tal-Etika għall-Impjegati tal-Istat. Dwar l-introduzzjoni ta' Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-parlament, ara wkoll GRECO, Fourth Evaluation Round, Second *Addendum* to the Second Compliance Report – Slovak Republic – (2021).

[136] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 19 u informazzjoni li waslet mid-Dipartiment tal-Gvern għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Sa issa r-regoli ta' wara l-impjieg huma inklużi fl-Att dwar il-Kunflitt ta' Interess li japplika għall-uffiċjali pubbliċi ta' funzjonijiet eżekuttivi jew membru ta' korp kollettiv tat-teħid deċiżjonali iżda ġie kkonstatat li kienu limitati fl-ambitu. Ara GRECO, Fifth Evaluation Round – Evaluation Report Slovak Republic (2019), il-paragrafi 127-128.

[137] L-Att Kostituzzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Interess Pubbliku fit-Twettiq tal-Funzjonijiet mill-Uffiċjali Pubbliċi Nru 357/2004, kif emendat permezz tal-Att Kostituzzjonali Nru 545/2005. B'mod partikolari, fil-programm attwali tal-gvern huma previsti emendi komprensivi ulterjuri għal din il-liġi u, speċifikament ir-rigali lill-membri tal-parlament, biex jindirizzaw it-tħassib li għad baqa' tal-livelli limitu vis-à-vis il-pagi minimi. Ara GRECO, Fourth Evaluation Round: Second *Addendum* to the Second Compliance Report – Slovak Republic (2021), il-paragrafi 20-21. Ara wkoll GRECO, is-Slovakkja: GRECO regrets slow progress in prevention corruption of parliamentarians, judges and prosecutors (2021).

[138] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Ara wkoll ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, pp. 8-9.

[139] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Sa Jannar 2021 kwart tal-membri tal-parlament (381) ma kinux ippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tal-assi tagħhom lill-kumitat parlamentari.

Att dwar il-Partiti u l-Movimenti Politiċi[140]. Id-donazzjonijiet lill-partiti politiċi huma limitati għal EUR 5 000 f'kontanti għal kull sena kalendarja, filwaqt li matul il-perjodu elettorali ma hemm l-ebda limitu simili. Id-donazzjonijiet minn entitajiet barranin u donaturi anonimi huma projbiti. Nuqqas ta' konformità jista' jwassal għal multa mill-Kummissjoni tal-Istat dwar l-Elezzjoni u l-Kontroll tal-Finanzjament tal-Partiti Politiċi li tammonta għad-doppju tal-introjtu mid-donazzjoni jew is-servizz bla ħlas. Il-partijiet huma mitluba jirrapportaw dwar il-finanzi tagħhom kull sena lill-Kummissjoni tal-Istat. Ir-rapporti finanzjarji jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Ir-rapporti huma ssorveljati mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka u jridu jiżvelaw informazzjoni finanzjarja b'rabta mal-kampanji elettorali u l-identità tad-donaturi[141]. Il-kapaċitajiet umani tal-korpi tas-sorveljanza huma limitati u tqajjem xi tħassib fir-rigward tan-nomini politiċi fihom[142]. Abbozz ta' liġi adottat fi żmien jumejn biex ir-regoli tal-finanzjament tal-kampanja għall-elezzjonijiet tal-2020 isiru aktar stringenti billi jitqiegħed limitu fuq id-donazzjonijiet[143] laqat b'mod partikolari lill-partiti li ġew stabbiliti riċentement u għalhekk tqajjem tħassib fost il-partiti l-ġodda, is-soċjetà ċivili u l-media fir-rigward tal-kompetizzjoni ġusta bejn il-partiti.

**Il-pandemija tal-COVID-19, skont dak li ġie rappurtat, ma kellha l-ebda impatt speċifiku fuq l-okkorrenza tal-korruzzjoni, l-individwar tal-korruzzjoni jew fuq l-isforzi biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni fis-Slovakkja, skont is-Servizz tal-Prosekuzzjoni.** Xi proċessi ġew posposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 li wassal għal backlog tal-kawżi[144]. Setturi b'riskju għoli li kienu suxxettibbli għall-korruzjoni qabel il-pandemija fil-biċċa l-kbira baqgħu suxxettibbli għall-korruzzjoni matul il-pandemija, inkluż l-akkwist pubbliku u s-settur tal-kura tas-saħħa, b'riskju u okkorrenza li żdiedu ta' skemi ta' frodi fis-sussidji b'rabta mal-pandemija fis-settur tal-aħħar[145]. Fl-ambitu tal-programm settorjali kontra l-korruzzjoni tal-Ministeru għas-Saħħa[146], inħoloq grupp ta' ħidma speċifiku biex jivvaluta r-riskji tal-korruzzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, li kkonstata żewġ oqsma ta' riskju b'rabta ma' rikjesti ta' kostijiet ineliġibbli u rikjesti duplikati ta' rimborż[147]. Fi sforz biex jitnaqqas il-perjodu meħtieġ biex jiġu akkwistati oġġetti, servizzi u xogħol ta' kostruzzjoni matul il-pandemija, il-Gvern ħejja proposta leġiżlattiva[148] li temenda l-liġi tiegħu dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, il-proposta ġiet riveduta f'Mejju 2021 b'segwitu għal petizzjoni u kritika mill-pubbliku minħabba l-esklużjoni tal-Uffiċċju għall-Akkwist Pubbliku mill-proċedura ta' rieżami li kienet prevista inizjalment u b'hekk jiġi

---

140 Il-Liġi Nru 85 dwar il-Partiti u l-Movimenti Politiċi, 2005 (kif emendata fl-2019).

141 L-Artikolu 22(5) tal-Liġi Nru 85 dwar il-Partiti u l-Movimenti Politiċi tal-2005 (kif emendata fl-2019).

142 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

143 Il-Liġi Nru 85 dwar il-Partiti u l-Movimenti Politiċi tal-2005 (kif emendata fl-2019). L-abbozz ta' liġi poġġa limitu fuq l-introjtu tal-partijiet mid-donazzjonijiet u fuq self sa EUR 3,5 miljun għal perjodu ta' erba' snin u poġġa limitu massimu fuq id-donazzjonijiet annwali mill-membri tal-partiti sa EUR 10 000 kull wieħed.

144 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Ara wkoll it-Taqsima I.

145 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

146 Il-programm huwa disponibbli hawnhekk https://www.health.gov.sk/Zdroje?/dokumenty/mzsr/rezortny-protikorupcny-program.rtf.

147 Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

148 Il-Viċi Prim Ministru tar-Repubblika Slovakka, Abbozz ta' liġi li temenda l-Att Nru 343/2015 Ġabra dwar l-Akkwist Pubbliku u dwar l-Emendi għal Ċerti Atti, u emendi suċċessivi, https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy?p_p_id=processDetail_WAR_portletsel&p_p_lifecycle=2&p_p_state=normal&p_p_mode=view&p_p_cacheability=cacheLevelPage&p_p_col_id=column-2&p_p_col_count=1&_processDetail_WAR_portletsel_fileCooaddr=COO.2145.1000.3.4149284&_processDetail_WAR_portletsel_file=03_vlastny_material_zvo_final.docx&_processDetail_WAR_portletsel_action=getFile.

eskluż il-kontroll pubbliku tal-kummissjonijiet b'valur għoli[149]. Skont is-soċjetà ċivili, il-proposta leġiżlattiva riveduta tindirizza t-tħassib imqajjem fil-petizzjoni u żżid it-trasparenza u l-kontroll pubbliku biex b'hekk jitnaqqsu r-riskji tal-korruzzjoni[150].

## III. Il-Pluraliżmu tal-Media u l-Libertà tal-Media

Il-Kostituzzjoni tas-Slovakkja tħaddan fiha d-dritt ta' espressjoni tal-opinjoni bi kliem, b'mod stampat, b'immaġini jew b'mezzi oħra, id dritt li wieħed ifittex, jirċievi u jxerred ideat u informazzjoni, kif ukoll id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni. Id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni jsib espressjoni ġuridika fl-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni[151]. L-Att dwar ix-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid[152] għandu l-għan li jiżgura l-pluralità tal-informazzjoni, filwaqt li l-Att dwar l-Istampa[153] jistabbilixxi regoli relatati mal-istampa u mal-ġurnalisti[154]. Hemm leġiżlazzjoni pendenti biex l-Att dwar ix-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid jiġi allinjat mad-Direttiva tas-Servizz tal-Media Awdjoviżiva (AVMS - Audiovisual Media Service)[155].

**Il-Kunsill għax-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid jopera b'mod awtonomu[156].** Minħabba li l-Kunsill tax-Xandir għandu l-baġit tiegħu stess, ir-riżorsi allokati jitqiesu adegwati biex jaqdi d-doveri tiegħu[157] u l-liġi tistabbilixxi regoli ċari dwar il-ħatra u t-tkeċċija tal-membri tal-Kunsill[158], l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021[159] tikkonferma li l-indipendenza tal-Kunsill hija garantita b'mod kumplessiv, għad li n-nomini politiċi sporadiċi għadhom problema.

**Abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar ix-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid huwa mistenni li jdaħħal qafas biex tiġi aċċertata t-trasparenza tas-sjieda tal-media.**. Sakemm jgħaddi dak l-abbozz ta' liġi, skedat li jiġi adottat sa tmiem l-2021[160], li huwa mistenni li jdaħħal dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza tal-istruttura tas-sjieda u tas-sjieda benefiċjarja kif previst fid-Direttiva AVMS, l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021 (MPM 2021 - 2021 Media Pluralism Monitor), għal darb'oħra[161] hija tal-fehma li n-

---

[149] Skont il-proposta, ir-rieżami tal-proċess tal-akkwist pubbliku jkun minflok suġġett għal investigazzjoni diretta mill-qorti. L-oġġezzjonijiet, pereżempju, għall-kundizzjonijiet tas-sottomissjonijiet ta' offerti ma jkollhom l-ebda effett sospensiv, jekk isiru fil-qorti, u l-kuntratti jistgħu jiġu ffirmati qabel ma tinħareġ kwalunkwe deċiżjoni mill-qorti.

[150] Transparency International-is-Slovakkja, Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[151] L-Att 211/2000 Ġabra, l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

[152] L-Att 308/2000 Ġabra, l-Att dwar ix-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid.

[153] L-Att 167/2008 Ġabra, l-Att dwar l-Istampa.

[154] Is-Slovakkja niżlet żewġ postijiet fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tar-Reporters Mingħajr Fruntieri, u issa tinsab fil-ħamsa u tletin pożizzjoni dinjija u fis-sbatax-il pożizzjoni fl-UE. Dan huwa fil-biċċa l-kbira minħabba attakki verbali tal-politiċi kontra l-ġurnalisti u strumenti medjatiċi.

[155] Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-14 ta' Novembru 2018.

[156] Għal aktar informazzjoni ara wkoll ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 9.

[157] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[158] Il-Kunsill għandu disa' membri, li huma eletti u jitneħħew mill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka (il-Parlament).

[159] L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar is-Slovakkja, p. 10.

[160] Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 26; informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[161] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 9.

nuqqas ta' regolamentazzjoni jfisser li dan għadu qasam ta' riskju għoli [162]. L-Att dwar ix-Xandir u t-Trażmissjoni mill-Ġdid jinkludi limiti massimi u limitazzjonijiet biex ma jitħalliex li jkun hemm grad għoli ta' konċentrazzjoni orizzontali ta' sjieda fis-swieq tat-televiżjoni u tar-radju. Madankollu nuqqas ta' *data* fir-rigward tad-dħul u tal-kwoti tas-suq tal-udjenza jagħmilha diffiċli li ssir valutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali[163].

**Ingħataw għadd ta' kundanni fir-rigward tal-individwi involuti fil-qtil tal-ġurnalist Ján Kuciak u tal-għarusa tiegħu Martina Kušnírová fl-2018.** Tliet individwi ġew ikkundannati u mogħtija sentenza ta' priġunerija ta' bejn 15 u 25 sena mill-Qorti Kriminali Speċjalizzata. Waħda mis-sentenzi ġiet appellata mill-akkużat. Il-prosekutur pubbliku appella mid-deċiżjoni ta' liberazzjoni tal-qorti tal-Prim'Istanza tal-persuni li allegatament orkestraw l-assassinju[164]. Fil-15 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Suprema annullat id-deċiżjoni ta' liberazzjoni tal-Prim'Istanza tal-Qorti Kriminali Speċjalizzata u għaddiet il-kawża lura lil din il-Qorti tal-aħħar. Il-Qorti Suprema kkonfermat ukoll is-sentenza ta' 25 sena priġunerija mogħtija lil wieħed mill-akkużati l-oħra[165].

**Kien hemm rapporti ta' attakki verbali kontra l-ġurnalisti u strumenti medjatiċi kemm mill-politiċi tan-naħa tal-gvern kif ukoll tan-naħa tal-oppożizzjoni.** Il-ġurnalisti ġew akkużati bi "stmerrija" u li mminaw il-ħidma tal-Gvern matul il-pandemija tal-COVID-19. Minn Settembru 2020 'l hawn, il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u tas-sikurezza tal-ġurnalisti ppubblikat allerta waħda għas-Slovakkja[166] li kienet tirrigwarda s-sorveljanza minn individwi mhux magħrufa ta' ġurnalist ta' gazzetta[167]. Il-leġiżlazzjoni proposta bl-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tal-ġurnalisti ġiet posposta minħabba l-pandemija tal-COVID-19[168]. Il-proposti jinkludu definizzjoni tal-istatus ta' ġurnalisti, il-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi kif ukoll aċċess imtejjeb għall-informazzjoni. Barra minn hekk, il-Gvern qiegħed iħejji emendi għal-liġijiet stretti dwar id-diffamazzjoni kriminali li għandha s-Slovakkja bħalissa sabiex il-ġurnalisti jiġu ssalvagwardjati. Ma ddaħħlet l-ebda skema ta' sostenn għall-media tal-aħbarijiet biex tagħmel tajjeb għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19[169].

## IV. <u>Kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mas-Sistema ta' Kontrokontrolli</u>

Is-Slovakkja hija repubblika parlamentari fejn il-Kunsill Nazzjonali (il-Parlament) huwa l-uniku korp kostituzzjonali u leġiżlattiv[170]. Id-dritt li tiġi introdotta leġiżlazzjoni jappartjeni għall-Kumitati tal-Parlament, għall-membri individwali tal-Parlament, u għall-Gvern[171]. Il-

[162] L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar is-Slovakkja, pp. 11-12.
[163] L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2021, rapport dwar is-Slovakkja, p. 12.
[164] Il-Pjattaforma ta' Rispons Rapidu tal-Libertà tal-Media sejħet il-liberazzjoni bħala parodija tal-ġustizzja u laqgħet b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-prosekutur pubbliku li jappella.
[165] Informazzjoni li waslet mill-awtoritajiet Slovakki.
[166] Il-Kunsill tal-Ewropa, Pjattaforma għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u tas-sikurezza tal-ġurnalisti.
[167] Is-Slovakkja wieġbet għal din l-allerta billi ddikjarat li kienet infetħet minnufih investigazzjoni tal-pulizija dwar il-każ.
[168] Kienet skedata li tiġi adottata sa tmiem l-2021. Informazzjoni pprovduta matul iż-żjara tal-pajjiż, it-22 ta' April 2021.
[169] Skont l-awtoritajiet tas-Slovakkja, il-ġurnalisti kienu eliġibbli biex japplikaw għall-appoġġ finanzjarju skont l-iskema eżistenti mmirata għas-setturi kulturali u kreattivi.
[170] L-Artikolu 72 tal-Kostituzzjoni Slovakka.
[171] L-Artikolu 87 tal-Kostituzzjoni Slovakka.

Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi dwar il-konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni, l-atti kostituzzjonali u l-ftehimiet internazzjonali, u tiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali. L-awtoritajiet indipendenti wkoll għandhom rwol fis-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali.

**Tqajjem tħassib dwar l-inklużività tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet.** Ir-riforma Kostituzzjonali riċenti (ara t-Taqsima I) tħabbret fid-Dikjarazzjoni tal-Programm governattiv ta' April 2020 u, b'segwitu għal preżentazzjoni lil diversi partijiet ikkonċernati[172] u konsultazzjoni pubblika bil-miktub f'Lulju 2020, ġiet ippreżentata lill-Parlament fil-bidu ta' Ottubru 2020 u approvata f'Diċembru 2020. Il-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' dibattitu estensiv u infurmat rigward il-karatteristiċi ewlenin tar-riforma, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja, minħabba l-ambitu u l-portata tar-riforma[173]. Il-partijiet ikkonċernati saħqu fuq l-importanza li l-bidliet kostituzzjonali jiġu wara diskussjoni miftuħa u tempestiva, li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati u lis-soċjetà ċivili, f'konformità mal-istandards Ewropej[174]. Il-partijiet ikkonċernati wkoll esprimew tħassib dwar in-nuqqas ta' involviment tagħhom fi proċessi leġiżlattivi oħra[175] u dwar l-użu ta' proċeduri rapidi fil-Parlament, li kienu segwiti wkoll minn leġiżlazzjoni li ma kinitx relatata strettament mal-pandemija[176].

**Pjanijiet li tħabbru fl-2020 għat-titjib tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u t-tisħiħ tat-trasparenza, l-effiċjenza u r-rendikontabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika għadhom ma twettqux[177].** Il-Gvern il-ġdid stabbilit f'April 2021 inkluda fid-Dikjarazzjoni tal-Programm tiegħu, l-impenji tal-Gvernijiet li ppreċedewh[178] biex jittejjeb il-proċess biex jitħejjew u jgħaddu l-liġijiet, tissaħħaħ it-trasparenza, l-effiċjenza u r-rendikontabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika, jiġi estiż l-aċċess għall-informazzjoni u titwessa' l-applikazzjoni ta' gvern miftuħ. Ħa f'idu wkoll l-impenn li jsaħħaħ il-kompetenzi tal-Uffiċċju Suprem tal-Awditjar[179]. Dwar dan kollu la għadhom ġew ippreżentati proposti u lanqas tnedew

[172] L-abbozz tar-riforma ġie ppreżentat lill-President tal-Kunsill Ġudizzjarju, il-President tal-Qorti Suprema, il-President tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, l-Ombudsman, u r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ġuridiċi.

[173] Il-partijiet ikkonċernati ngħataw l-opportunità jikkummentaw dwar l-abbozz matul il-konsultazzjonijiet pubbliċi bil-miktub li damu 15-il jum tax-xogħol waqt il-btajjel tas-sajf. It-tul u t-tempistika tal-konsultazzjoni pubblika kienu wkoll soġġetti għall-kritika mill-partijiet ikkonċernati. Ara l-kummenti ppreżentati matul il-konsultazzjoni pubblika mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, il-Fakultà tal-Liġi tal-Università Comenius ta' Bratislava, il-Kamra tal-Avukati Slovakka, il-Kunsill Ġudizzjarju, li jinsabu hawnhekk https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy/SK/LP/2020/267; Sejħa miftuħa għal avukati Slovakki, aċċessibbli minn https://pravnystat.eu/en/ u ppreżentata bħala kontribut għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.

[174] Il-Kummissjoni ta' Venezja (id-19 ta' Jannar 2010), Report on Constitutional Amendment, CDL-AD(2010)001, il-paragrafu 205; Il-Kummissjoni ta' Venezja, Second *interim* opinion on constitutional reforms in the Republic of Armenia, CDL-AD(2005)016, il-paragrafu 31.

[175] Kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 19; kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 293.

[176] Kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 298; Kontribut mill-Kamra tal-Avukati Slovakka għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 3; informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[177] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, pp. 11-13.

[178] Id-Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2020-2024 tad-19 ta' April 2020.

[179] Id-Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2020-2024, pp. 13-17.

konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati. Emenda tal-Att dwar l-Aċċess Liberu għall-Informazzjoni tinsab fil-fażi ta' tħejjija fil-Gvern[180].

**Ir-riforma Kostituzzjonali tistipula speċifikament li l-Qorti Kostituzzjonali ma għandhiex il-kompetenza li tistħarreġ il-liġijiet Kostituzzjonali**. Fl-imgħoddi, il-Qorti Kostituzzjonali affermat is-setgħa tagħha li tivvaluta l-kostituzzjonalità tal-liġijiet kostituzzjonali, li użat darba biex tipproteġi l-indipendenza ġudizzjarja[181]. Ir-riforma Kostituzzjonali riċenti (ara t-Taqsima I) biddlet il-lingwaġġ tal-Kostituzzjoni sabiex tipprojbixxi speċifikament lill-Qorti milli tistħarreġ il-kostituzzjonalità ta' tali liġijiet. Il-bidla ġiet ikkritikata mill-partijiet ikkonċernati[182]. Il-kostituzzjonalità ta' din l-emenda ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, fejn għadha pendenti[183].

**Il-Parlament emenda l-leġiżlazzjoni rigward l-istat ta' emerġenza biex jiġi permess il-prolongament lil hinn minn 90 jum**. Il-Parlament kompla jopera matul l-istat ta' emerġenza mingħajr xkiel kbir[184]. L-istat ta' emerġenza jippermetti lill-Gvern jadotta digrieti li jillimitaw ċerti drittijiet u libertajiet, bħal-libertà tal-moviment[185]. L-istat ta' emerġenza jista' jiġi ddikjarat mill-Gvern għal mhux aktar minn 90 jum, bil-kundizzjonijiet stipulati minn liġi Kostituzzjonali[186]. B'segwitu għall-applikazzjoni tal-istat ta' emerġenza mis-16 ta' Marzu 2020 sat-13 ta' Ġunju 2020[187], il-Gvern iddikjara stat ta' emerġenza ġdid mill-1 ta' Ottubru 2020. F'Diċembru 2020, il-Parlament emenda l-leġiżlazzjoni rilevanti biex jippermetti l-estensjoni ripetuta tal-istat ta' emerġenza mill-Gvern b'40 jum b'rekwiżit ta' approvazzjoni sussegwenti mill-Parlament[188]. L-istat ta' emerġenza ntemm fil-15 ta' Mejju 2021. Il-Qorti Kostituzzjonali għandha l-kompetenza li tistħarreġ il-kostituzzjonalità ta' dikjarazzjoni ta' stat ta' emerġenza u l-estensjoni tiegħu[189]. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati nnutaw li l-limiti ta' żmien għal stħarriġ bħal dan huma qosra[190]. Saret petizzjoni lill-Qorti Kostituzzjonali biex tistħarreġ il-kostituzzjonalità tad-dikjarazzjoni u ta' waħda mill-

[180] L-Abbozz ta' Liġi Nru PI/2020/146 li jemenda l-Att Nru 211/2000 Ġabra dwar l-Aċċess Liberu għall-Informazzjoni u dwar l-Emendi għal Ċerti Atti (l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni), kif emendat, u li Jemenda Ċerti Atti.

[181] Ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 fil-Kawża Pl ÚS 21/2014-96. Il-bidla hija reazzjoni għal din is-sentenza, informazzjoni li waslet fil-kuntest ta' żjara ta' segwitu għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

[182] Sejħa miftuħa għal avukati Slovakki, aċċessibbli minn https://pravnystat.eu/en/ u ppreżentata bħala kontribut għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, il-paragrafu 1; ara wkoll id-dikjarazzjoni tal-President tal-Qorti Kostituzzjonali tat-3 ta' Diċembru 2020 fil-Parlament, li fiha esprima t-tħassib rigward il-bidla u talab lill-Membri tal-Parlament jirriflettu aktar dwar dan il-punt, li tinsab hawnhekk https://tv.nrsr.sk/videokanaly/osoba/8/Ivan.Fiacan?id=233541.

[183] Il-Fajl Nru 2879/2020.

[184] Il-Membri tal-Parlament tħallew jattendu s-seduti fiżikament, għajr għall-membri li kellhom jiżolaw ruħhom skont il-miżuri relatati mal-COVID-19. Xi laqgħat saru f'għamla ibrida, b'diversi Membri tal-Parlament preżenti fiżikament u oħrajn permezz tal-vidjokonferenza. Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 37.

[185] L-Artikolu 5(3) tal-Att 227/2002 dwar is-Sigurtà tal-Istat.

[186] L-Artikolu 5(1) tal-Att 227/2002 dwar is-Sigurtà tal-Istat.

[187] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 12.

[188] L-Artikolu 5(2) tal-Att 227/2002 dwar is-Sigurtà tal-Istat. Il-Parlament irid japprova l-estensjoni fi żmien 20 jum mid-dħul fis-seħħ tagħha, inkella l-istat ta' emerġenza jintemm. L-estensjoni hija permessa biss jekk l-istat ta' emerġenza jkun ġie ddikjarat fil-kuntest ta' pandemija. Ara wkoll il-kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 296-297.

[189] L-Artikolu 129(6) tal-Kostituzzjoni.

[190] Il-petizzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien ħamest ijiem mid-dikjarazzjoni / mill-estensjoni u l-Qorti trid tiddeċiedi fi żmien għaxart ijiem mill-bidu tal-proċeduri. L-Artikoli 193 u 195 tal-Att 314/2002 tal-Qorti Kostituzzjonali. Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

estensjonijiet, u fiż-żewġ okkażjonijiet iddikjarat il-konformità tagħha mal-leġiżlazzjoni rilevanti[191]. Il-Qorti Kostituzzjonali stħarrġet ukoll diversi miżuri adottati fil-kuntest tal-pandemija u ċċarat mistoqsijiet b'rabta mal-kompetenza tal-qrati ordinarji li jaġġudikaw fuq miżuri bħal dawn. Madankollu, b'segwitu għal bidliet sussegwenti tal-leġiżlazzjoni[192], ġie espress tħassib li d-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju ta' ċerti miżuri jaf mhuwiex garantit biżżejjed[193].

**Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet u ċ-Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem kellhom rwol attiv biex jiddefendu d-drittijiet taċ-ċittadini matul il-pandemija.** Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet huwa korp indipendenti bil-kompitu li jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fil-proċedimenti quddiem l-amministrazzjoni pubblika u korpi pubbliċi oħra, filwaqt li ċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem huwa l-Istituzzjoni Nazzjonali kompetenti għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-korp tal-ugwaljanza fis-Slovakkja[194]. Matul il-pandemija tal-COVID-19, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet kellu żieda ta' kważi 50 % f'ilmenti, kif ukoll żieda fit-talbiet mill-pubbliku għal gwida rigward miżuri relatati mal-pandemija[195]. L-ammont ta' xogħol taċ-Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem kien paragunabbli għal dak tal-aħħar snin, iżda l-kontenut tal-ilmenti nbidel, bil-maġġorparti jirrigwardaw miżuri relatati mal-pandemija[196]. L-istituzzjonijiet sabu ksur f'għadd ta' oqsma, bħal fir-rigward tal-kwarantina imposta mill-istat ta' persuni li jaslu lura minn barra l-pajjiż, l-iżolament sħiħ ta' ċerti insedjamenti tar-Roma, u restrizzjonijiet għall-aċċess għall-kura tas-saħħa u d-dritt għall-edukazzjoni[197].

**Għad hemm fis-seħħ qafas legali abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili iżda feġġ xi tħassib dwar il-limitazzjoni tal-finanzjament ta' ċerti NGOs [198].** L-impenn li s-soċjetà ċivili tkompli tissaħħaħ daħal għalih il-Gvern il-ġdid[199]. F'Diċembru 2020 tnieda Reġistru ġdid tal-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi Mingħajr Skop ta' Qligħ[200]. Jirrappreżenta reġistru pubbliku uniku tal-organizzazzjonijiet kollha definiti mill-Att rispettiv li joperaw fis-Slovakkja u għandu l-għan li jkompli jtejjeb it-trasparenza. Ġie rrapportat tħassib mill-partijiet ikkonċernati rigward attakki verbali minn awtoritajiet pubbliċi u politiċi fuq attivisti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili[201] u l-limitazzjoni apposta tal-fondi

[191] Is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Ottubru 2020 Pl ÚS 22/2020, is-Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Marzu 2021 Pl ÚS 2/2021.

[192] Emenda tal-Att 355/2007.

[193] Sottomissjoni mid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Frar 2021, il-fajl Nru 268/2021, pp. 26-35.

[194] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, pp. 12-13.

[195] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[196] Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja.

[197] Rapport annwali dwar l-attivitajiet tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (2020), ir-Rapport kien soġġett għal diskussjoni u vot fil-Parlament fis-7 ta' Mejju 2021, li wassal għan-nonrikonoxximent tar-Rapport; informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja; Rapport annwali dwar il-konformità mad-drittijiet tal-bniedem taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem; il-kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 309-312.

[198] Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-Slovakkja, p. 14.

[199] Id-Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2020-2024, pp. 16-17.

[200] Stabbilit permezz tal-Att Nru 346/2018 dwar ir-Reġistru tal-Organizzazzjonijiet Nongovernattivi Mingħajr Skop ta' Qligħ; ir-reġistru huwa disponibbli hawnhekk https://ives.minv.sk/rmno/?lang=sk.

[201] Kontribut mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt u l-kontribut pp. 13-14 u l-kontribut mill-ENNHRI għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 294.

pubbliċi għal organizzazzjonijiet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri[202]. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 poġġiet taħt pressjoni l-operat ta' għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib partikolari fir-rigward tar-riperkussjonijiet ġenerali tal-pandemija fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-NGOs[203].

---

[202] Dan jirreferi għall-proċess tar-ridistribuzzjoni tas-sussidji għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mill-Ministeru għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja fl-2020 biex jingħata sostenn lill-organizzazzjonijiet favur il-ħajja, li ġeneralment ma jiffukawx fuq il-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, b'segwitu għall-adozzjoni tal-att tas-17 ta' Diċembru 2020 li jemenda l-Att Nru 544/2010 Ġabra dwar is-sussidji, minflok l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, se jingħataw sostenn l-opportunitajiet ta' xogħol indaqs u l-organizzazzjonijiet li jippromwovu ż-żwieġ u l-valuri tal-familja. Ara l-kontributi għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt ipprovduti mill-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, p. 294, l-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa, p.14, u l-ENNHRI, pp. 294-295.

[203] Minkejja sforz mill-gvern li pprovda sostenn addizzjonali ta' EUR 1,1 miljun biex jappoġġa attivitajiet tal-NGOs li qed jimmitigaw l-impatt tal-COVID-19, stqarrija għall-istampa tal-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali tat-12 ta' Awwissu 2020, il-Viċi Prim Ministru Remišová: EUR 1,1 miljun f'għajnuna għal organizzazzjoni mhux governattiva li tiġġieled kontra l-COVID-19; Informazzjoni li waslet fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja. Ara pereżempju l-kontributi mill-Via Iuris (L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili) għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 15-17.

**Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku***

* *Il-lista ta' kontributi riċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab hawnhekk https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism/2021-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation.*

Aktuality.sk (2021), *NAKA għal darb'oħra żżomm arrestati lil Kvietik u diversi persuni mill-Fond Slovakk tal-Artijiet* (*NAKA opäť zadržala finančníka Kvietika aj viacero ľudí zo Slovenského pozemkového fondu*) (https://www.aktuality.sk/clanok/892385/naka-opat-zadrzala-financnika-martina-kvietika).

Il-Bureau tal-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (2020), *L-Opinjoni tad-9 ta' Diċembru 2020*, CCJE-BU(2020)3.

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2021), *l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media 2021*.

L-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa (2021), *Kontribut għall-Ewropa għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.*

Il-Pjattaforma ta' Komunikazzjoni tal-imħallfin Slovakki u l-Assoċjazzjoni tal-imħallfin Slovakki (2021), *kontribut għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.*

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kumitat tal-Ministri (2010), *Recommendation CM/Rec(2010)12 of the Committee of Ministers to member states on judges: independence, efficiency and responsibilities.*

Il-Kunsill tal-Ewropa (2020): *Ir-Rakkomandazzjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovakkja tal-2020 u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja tal-2020, COM(2020) 525 final.*

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2005), *Second interim opinion on constitutional reforms in the Republic of Armenia, CDL-AD(2005)016.*

Il-Kunsill tal-Ewropa: Il-Kummissjoni ta' Venezja (2010), *Report on Constitutional Amendment, CDL-AD(2010)001.*

Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni ta' Venezja (2013), *Opinion on the Draft Amendments to the Organic Law on Courts of General Jurisdiction of Georgia, CDL-AD(2013)007-e.*

Il-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (2007), *L-Opinjoni Nru 10.*

Il-Kunsill Konsultattiv ta' Mħallfin Ewropej (2016), *L-Opinjoni Nru 19.*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, *LM*, C-216/18 PPU.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, *Il-Kawżi Magħquda Rumeni*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-Sentenza tal-20 ta' April 2021, *Repubblika*, C-896/19.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2019), *Ewrobarometru Flash 482: l-attitudnijiet tan-negozji fil-konfront tal-korruzzjoni fl-UE.*

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2020), *Ewrobarometru Speċjali 502: il-korruzzjoni.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fis-*Slovakkja.

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.*

Il-Kummissjoni Ewropea (2021), Stqarrija għall-istampa Nru 03/2021, OLAF closes cases on EU agricultural funds in Slovakia (https://ec.europa.eu/anti-fraud/media-corner/news/21-01-2021/olaf-closes-cases-eu-agricultural-funds-slovakia_mt).

Il-Kummissjoni Ewropea, imwettaq mill-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (2017), *Efficiency and quality of the Slovak judicial system, Assessment And recommendations on the basis of CEPEJ tools*, CEPEJ-COOP(2017)14.

Il-Kummissjoni Ewropea, imwettaq mill-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (2020), *CEPEJ Experts' review of the Judicial Map Reform in the Slovak Republic*.

Il-Kummissjoni Ewropea, imwettaq mill-Kummissjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja, *Annual Study*.

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tal-24 ta' Lulju 2012, *Maxian and Maxianova*, 44482/09, l-istatus tal-eżekuzzjoni (http://hudoc.exec.coe.int/eng?i=004-7711).

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tal-15 ta' Settembru 2015, *Javor and Javorova*, 42360/10, l-istatus tal-eżekuzzjoni (http://hudoc.exec.coe.int/eng?i=004-7717).

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, *Ivan*, 57405/15, l-istatus tal-eżekuzzjoni (http://hudoc.exec.coe.int/eng?i=004-47309).

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tal-31 ta' Awwissu 2018, *Balogh and others*, 35142/15, l-istatus tal-eżekuzzjoni (http://hudoc.exec.coe.int/eng?i=004-51541).

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sentenza tad-9 ta' Marzu 2021, *Bilgen v Turkey*, 1571/07.

In-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (2012-2013), *Rapport dwar l-Istandards Minimi għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni professjonali u l-irrimovibbiltà tal-membri tal-ġudikatura*.

In-Network Ewropew ta' Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (2021), *Kontribut għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

GRECO (2019), *Fourth Evaluation Round, Addendum to the Second Compliance Report, Slovak Republic*.

GRECO (2019), *Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, Slovak Republic*.

GRECO (2021), *Fourth Evaluation Round, Second Addendum to the Second Compliance Report, Slovak Republic.*

GRECO (2021), Slovakia: GRECO regrets slow progress in prevention corruption of parliamentarians, judges and prosecutors (https://www.coe.int/en/web/portal/-/slovakia-greco-regrets-slow-progress-in-preventing-corruption-of-parliamentarians-judges-and-prosecutors).

OECD (2012), *L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim, Fażi 3: ir-Repubblika Slovakka*.

OECD (2014), *L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim, Segwitu għar-Rapport u Rakkomandazzjoni tal-Fażi 3: ir-Repubblika Slovakka*.

OECD (2017), *L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim, Rapport dwar il-Fażi 1a: ir-Repubblika Slovakka*.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (2020), *Ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet* (*Správa o činnosti verejného ochrancu práv za obdobie roka 2020*), (https://www.vop.gov.sk/files/VOP_VS20_SK_1.pdf).

Il-Kamra tal-Avukati Slovakka (2021), Kontribut għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Kamra tal-Avukati Slovakka (2021), *Stqarrija għall-istampa tat-23 ta' Marzu 2021, Il-President tal-Kamra tal-Avukati Slovakka żar lid-Direttur Ġenerali l-ġdid tal-Gwardja tal-Ħabs* (*Predseda SAK navštívil nového generálneho riaditeľa Zboru väzenskej a justičnej stráže*), (https://www.sak.sk/web/sk/cms/news/form/list/form/row/596497/_event).

Il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka, is-Sentenza tat-30 ta' Jannar 2019, Pl ÚS 21/2014-96.

Il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka, is-Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2020, Pl ÚS 22/2020.

Il-Qorti Kostituzzjonali Slovakka, is-Sentenza tal-31 ta' Marzu 2021, Pl ÚS 2/2021.

Il-Gvern Slovakk (2018), *Il-Politika kontra l-Korruzzjoni tar-Repubblika Slovakka għall-2019-2023* (https://rokovania.gov.sk/download.dat?id=588DFBA123494910A70AF18737B85A81-034BF7E75BABC88FC3A419E44DED1345).

Il-Gvern Slovakk (2019), *Programm Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni tar-Repubblika Slovakka* (https://rokovania.gov.sk/download.dat?id=F75436C4AF3C4D96AE93D60FD6BCA184-99C291B1BA87B0B9BF1E773CB8DA6BA0).

Il-Gvern Slovakk (2020), *Rapport annwali dwar l-attivitajiet tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet* (https://www.vop.gov.sk/files/VOP_VS20_SK_1.pdf).

Il-Gvern Slovakk (2021), *Kontribut mis-Slovakkja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt.*

Il-Gvern Slovakk, *Pjan tal-Kompiti Leġiżlattivi tal-Gvern tar-Repubblika Slovakka għall-2021* (https://www.slov-lex.sk/legislativne-procesy?p_p_id=processDetail_WAR_portletsel&p_p_lifecycle=2&p_p_state=normal&p_p_mode=view&p_p_cacheability=cacheLevelPage&p_p_col_id=column-2&p_p_col_count=1&_processDetail_WAR_portletsel_fileCooaddr=COO.2145.1000.3.4201465&_processDetail_WAR_portletsel_file=pl%C3%A1n-2021.pdf&_processDetail_WAR_portletsel_action=getFile).

Il-Gvern Slovakk, *Dikjarazzjoni tal-Programm għall-2020 – 2024* (https://www.mpsr.sk/programove-vyhlasenie-vlady-slovenskej-republiky-na-obdobie-rokov-2020-2024/800-17-800-15434/).

Il-Gvern Slovakk, *Dikjarazzjoni tal-Programm għall-2021 – 2024* (https://www.nrsr.sk/web/Dynamic/DocumentPreview.aspx?DocID=494677).

Il-Gvern Slovakk (2021), *Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Plán obnovy a odolnosti Slovenskej republiky)* (https://www.planobnovy.sk/files/dokumenty/kompletny-plan_obnovy.pdf)

L-avukati Slovakki, *Sejħa miftuħa u kontribut għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*, (https://pravnystat.eu/en/).

Il-Ministeru għas-Saħħa tas-Slovakkja, Programm settorjali kontra l-korruzzjoni (https://www.health.gov.sk/Zdroje?/dokumenty/mzsr/rezortny-protikorupcny-program.rtf).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tas-Slovakkja (2020), iċ-Ċentru Analitiku (2020) *Odporúčania pre tvorbu novej súdnej mapy* (http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/nova_sudna_mapa_3_0_final.pdf).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tas-Slovakkja, iċ-Ċentru Analitiku (2020), *Rakkomandazzjonijiet għat-tħejjija ta' mappa ġudizzjarja ġdida* (http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/nova_sudna_mapa_3_0_final.pdf).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tas-Slovakkja, iċ-Ċentru Analitiku (2020), *Riforma tal-Mappa Ġudizzjarja* (http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/Reforma_sudnej_mapy_na_citanie.pdf).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja tas-Slovakkja, *Skeda ta' żmien għall-proċess ta' abbozzar tar-Riforma tal-Mappa Ġudizzjarja* (http://web.ac-mssr.sk/wp-content/uploads/2020/sudna_mapa/20210223_Casov%C3%A1_os_Sudna_mapa_v.2.pdf).

Il-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali tas-Slovakkja (2020), stqarrija għall-istampa, *Il-Viċi Kap Remišová: EUR 1,1 miljun f'għajnuna għal organizzazzjoni nongovernattiva li tiġġieled kontra l-COVID-19* (*Vicepremiérka Remišová: 1,1 milióna eur na pomoc mimovládnym organizáciám v boji s COVID–19*) (https://www.mirri.gov.sk/aktuality/podpredsednicka-vlady/vicepremierka-remisova-11-miliona-eur-na-pomoc-mimovladnym-organizaciam-v-boji-s-covid-19/).

Iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem (2019), *Annual report on compliance with human rights* (http://www.snslp.sk/wp-content/uploads/Sprava-o-LP-v-SR-za-rok-2020-.pdf).

Transparency International (2020), *Exporting corruption.*

Transparency International (2021), *Corruption Perceptions Index 2020*.

UNCAC, *Implementation Review - 1st cycle (2010-2015), Country Review Report of Slovak Republic*, (https://www.unodc.org/documents/treaties/UNCAC/CountryVisitFinalReports/2013_07_11_Slovakia_Final_Country_Report.pdf).

**Anness II: Żjara tal-pajjiż fis-Slovakkja**

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali f'April 2021 ma':

- L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin
- Uffiċċju tal-Gvern - id-Dipartiment għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni
- Imħallfin Għall-Ġudikatura Miftuħa
- Il-Kunsill Ġudizzjarju
- Il-Lega għad-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-Ministeru għall-Kultura
- Il-Ministeru għas-Saħħa
- Il-Ministeru għall-Intern
- Il-Ministeru għall-Ġustizzja
- Iċ-Ċentru Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem
- L-Aġenzija Nazzjonali tal-Pulizija kontra l-Kriminalità
- Is-Sħubija ta' Gvern Miftuħ
- L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali
- Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet
- Il-Kumitat Nazzjonali Slovakk tal-Avukati
- Il-Kunsill Slovakk għax-Xandir
- L-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali
- Il-Qorti Suprema
- Transparency International
- Via Iuris

* Il-Kummissjoni ltaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Iċ-Ċentru għad-Drittijiet Riproduttivi
- CIVICUS
- L-Unjoni għall-Ewropa tal-Libertajiet Ċivili
- Is-Soċjetà Ċivili Ewropa
- Il-Konferenza tal-Knejjes Ewropej
- EuroCommerce
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Liġi dwar għaqdiet mhux għall-gwadann
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Medja
- Il-Forum Ċiviku Ewropew
- Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti
- It-Tisħib Ewropew għad-Demokrazija
- Il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ
- Front Line Defenders
- Il-Fondazzjoni tad-Dar tad-Drittijiet tal-Bniedem
- Human Rights Watch
- ILGA-Europe
- Il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi
- Il-Federazzjoni Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem
- In-Netwerk Ewropew tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ippjanar tal-Familja (IPPF EN)
- L-Istitut Internazzjonali tal-Istampa
- Il-Kumitat Netherlands Helsinki

- L-Istitut ta' Politika Ewropew għal Soċjetà Miftuħa
- Philanthropy Advocacy
- Protection International
- Reporters bla Fruntieri
- Transparency International EU